Edizzjoni Speċjali

# il-Missjunarju

Il-Ħmistax-il Ħarġa Mejju 2016



# “Il-vera karità *teħtieġ kuraġġ*”

Il-Papa Franġisku

NEWSPAPER POST

# SENA TA' ĦIDMA 2015

Matul l-2015 il-Mission Fund qassmet is-somma rekord ta' €704, 224 lill-missjunarji Maltin u Għawdxin. Dawn kienu jikkonsistu f'donazzjonijiet ta' €2,000 kull wieħed lil 95 missjunarju u ta' €4,000 kull wieħed lil 8 isqfijiet. Dawn barra diversi proġetti li ġew iffinanzjati. Dawn setgħu jitwettqu grazzi għall-ġenerożità kbira tagħkom. Grazzi.

## Proġetti Ilma

**ETJOPJA**
Tħaffir ta' bjar: €3,500

**PAKISTAN**
Tħaffir ta' spiera: €10,000

## Proġetti Saħħa

**TANZANIJA**
Staff house fi sptar ta' Makiungu: €155,000

**SUDAN T'ISFEL**
Ċentru tas-saħħa: €80,000

**KENJA**
Ċentru għat-tfal bi bżonnijiet speċjali: €10,000

## Proġetti Faqar

**TANZANIJA**
Donazzjonijiet waqt l-esperjenza missjunarja: €35,850
Ċentru għal tfajliet foqra: €5,000

**PAKISTAN**
Djar għal familji foqra: €3,500

**FILIPPINI**
Djar għal familji foqra: €10,000

## Proġetti Edukazzjoni

**ETJOPJA**
ESTENSJONI TA' SKOLA: €20,000

**PAKISTAN**
LABORATORJU TAL-KOMPJUTERS: €10,000

**INDJA**
DORMITORJU GĦAL KULLEĠĠ: €20,000

## Proġetti oħra

**INDJA**
Ċentru Komunitarju: €50,000
Għat-Tmexxija ta' Monasteru: €2,000

**KUBA**
Manutenzjoni f'Dar Residenzjali tal-Missjunarji: €16,500





EDITORJAL

# IL-PJAGA TAL-FAQAR

**Minn hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra! Dan il-qawl ma jistax ikun iktar eżatt biex jirrifletti s-sitwazzjoni dinjija dwar il-faqar. Skont statistika maħruġa mill-Oxfam il-ġid li jippossjedu l-aktar 85 persuna sinjura tad-dinja huwa daqs il-ġid li għandhom nofs il-popolazzjoni dinjija tal-aktar persuni foqra. Dan il-fatt għandu jagħtina ħafna x'nirriflettu.**

Kull min jieħu sehem fl-esperjenzi missjunarji li ta' kull sena l-Mission Fund twettaq f'pajjiżi foqra fejn hemm jaħdmu l-missjunarji Maltin u Għawdxin jafu xi jfisser il-faqar. Biex tifhem veru xhinu l-faqar mhux biżżejjed li tara xi ritratti jew xi dokumentarju fuq it-televiżjoni. Imma trid tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. Meta morna f'dawn il-pajjiżi foqra rajna nies jgħixu f'għarajjex mibnija bil-ħamrija u b'saqaf tal-ħaxix b'konsegwenza li meta tagħmel ħafna xita dawn jiġġarrfu. Dawn l-għarrajjex ma huma mgħammra bl-ebda għamara: la sodod, la mwejjed u lanqas siġġijiet. In-nies jorqdu mal-art jew fuq kartuna. La hemm provvista tal-elettriku u l-anqas tal-ilma. Biex iġibu ftit ilma, li ħafna drabi jkun ikkontaminat, dawn in-nies iridu jimxu kilometri sħaħ.

Madwar 1.76 biljun persuna mill-popolazzjoni tad-dinja jaqilgħu anqas minn €1 kuljum. B'konsegwenza ta' hekk 21,000 persuna jmutu kuljum minħabba l-ġuħ. Dan ifisser li persuna tmut bil-ġuħ kull 4 sekondi! Minn dan għandna nitgħallmu lezzjoni biex ma naħlux ikel. Kemm il-darba narmu l-ikel għax inkunu sajjarna iżjed minn kemm għandna bżonn. Il-ħela tagħna huwa n-nieqes ta' ħaddieħor għax fid-dinja huwa stmat li hawn ikel biżżejjed għal kulħadd.

Meta nsemmu l-kelma faqar, x'aktarx li l-ewwel ħaġa li tiġina f'moħħna huwa n-nuqqas ta' flus. Però jeżistu diversi forom oħra ta' faqar. Waħda minn dawn il-forom hija n-nuqqas ta' ilma nadif. Huwa stmat li hawn madwar biljun persuna li m'għandhomx aċċess għall-ilma nadif. Din il-problema ġġib forma oħra ta' faqar: dik tal-mard. Fil-fatt madwar 2,500 persuna jmutu kuljum bil-kolera jew diżinterija kaġun ta' nuqqas ta' ilma nadif jew ta' iġjene personali.

Barra minn hekk, persuni foqra ma jkollomx flus biex jieħdu l-kura neċessarja minn ċertu mard li huwa kurabbli. Per eżempju, il-pnewmonja toqtol 2,700 persuna kuljum. Għalkemm din hija marda kontaġġjuża ħafna, din tista' titfejjaq faċilment bil-kura neċessarja. L-istess nistgħu ngħidu għat-tuberkulosi li toqtol 2,500 persuna kuljum, il-malarja li biha jmutu 1,300 persuna oħra kuljum u ċertu mard ieħor bħal ma huma l-ħożba, is-sola konvulsiva, it-tetnu u d-difterija li huma l-kawża ta' mwiet ta' eluf persuna oħra fis-sena. Dawn barra l-marda tal-AIDS li toqtol madwar 4,100 persuna kuljum.

Jekk wieħed jgħodd dawn kollha, il-faqar huwa kawża ta' 13-il miljun persuna fis-sena, jew 35,600 persuna kuljum. Dan ifisser wieħed kull 2.5 sekondi! Kemm għandna għalfejn nirringrazzjaw 'l Alla għal kull nifs li nieħdu.


Paġna 4 *Proġetti ta' Tama u Fejda*
Paġna 6 *Ċentru ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni*
Paġna 8 *Kont bil-għatx u sqejtuni*
Paġna 10 *Dormitorju għal kulleġġ fl-Indja*
Paġna 12 *Makiungu Parish Church*
Paġna 14 *Żjara tal-President fl-Albanija*
Paġna 16 *Proġett Tama*
Paġna 18 *Ministeru ta' Mħabba*
Paġna 20 *A Borehole for Marist Brothers School*
Paġna 27 *Sorijiet Dumnikani Maltin fil-Pakistan*
Paġna 28 *Ħidma Missjunarja fil-Pakistan*
Paġna 30 *Chakama Rescue Project*
Paġna 33 *Tabilħaqq Ġibtuli t-Tama*
Paġna 35 *Edukazzjoni Fl-Etjopja*
Paġna 38 *Mill-Ħajja tal-Mission Fund*



Din il-pubblikazzjoni hija maħruġa mill-Mission Fund, 500, Eureka Court, Blk A/6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
**EMAIL:** missionfund@global.net.mt **TELEFON:** (+356) 2141 3664 www.missionfund.org.mt

Nirringrazzjaw lil kull min għen biex din il-pubblikazzjoni setgħet issir u titqassam.
Inħeġġukom tagħmlu użu mill-prodotti u mis-servizzi reklamati f'din ir-rivista.

**EDITUR:** John Sammut

**GRAFIKA:** mediacentre www.mediacentre.com.mt

**STAMPA:** Polidano Press www.pplmalta.com

JOE MIFSUD

# PROĠETTI TA' TAMA *u Fejda*

Mill-1992 'l hawn il-Mission Fund wettqet proġett ta' kostruzzjoni kull sena f'artijiet tal-missjoni fuq talbiet li jintbagħtu mill-missjunarji Maltin u Għawdxin. Dawn it-talbiet jiġu evalwati minn sotto-kumitat li huwa responsabbli wkoll biex jorganizza esperjenzi missjunarji għal gruppi ta' voluntiera li jmorru jgħinu sabiex jitwettqu dawn il-proġetti. Daqqa t'għajn turina fil-qosor il-ħidma mwettqa mill-voluntiera fl-artijiet tal-missjoni matul dawn l-aħħar 24 sena.



Gwatemala: Fishfarm f'San Manuel Chaparron

**ALĠERIJA:** Twettqu proġetti ta' manutenzjoni f'ċentri parrokkjali f'Oran u f'Alġiers fuq talba tal-missjunarja Franġiskana Sr Yvonne Gera fis-snin 1992 u 1993. Dawn kienu l-ewwel esperjenzi missjunarji għall-Mission Fund.

**TUNEŻIJA:** Kienu Fr Joe Cilia Sależjan, l-Isqof Tual u s-Sorijiet tal-Karità li talbu proġetti li ġew approvati u li ħadmu fuqhom il-voluntiera tal-Mission Fund fis-snin 1994, 1995 u 1996. Saru ħidmiet ta' manutenzjoni fi skola tas-Sależjani f'Manouba. Fil-katidral ta' Tunes sar xogħol ta' żebgħa, lostru tal-bankijiet u restawr tal-Via Crucis, bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa. Fis-sena 1996, dar mitluqa f'La Goulette saret abitabbli u bdiet tilqa' lis-Sorijiet tal-Karità.

**KENJA:** Il-voluntiera tal-Mission Fund ħadmu f'dan il-pajjiż Afrikan fis-snin 1997, 1998, 1999, 2000, 2004, 2006 u 2013. Saret ħidma fuq proġetti mitluba mis-superjur Emanuel Catania tas-soċjeta tal-M.U.S.E.U.M., mis-superjura Sr Pauline Farrugia tas-Sorijiet ta' Nuzzu, u mill-Isqfijiet Frans Baldacchino u Emanuel Barbara it-tnejn Kapuċċini. Fost il-proġetti f'Ruiru u f'Impeketoni insibu diversi ħidmiet fil-bini ta' skola tas-snajja, impjant bio-gas, septic tank, sodod għall-orfni, bini ta' laboratorju, tħaffir ta' bjar u bini ta' parti minn skola.

**GWATEMALA:** Il-Mission Fund għenet liż-żewġ missjunarji Għawdxin Fr Joe Camilleri u Fr Anton Grech li jgħixu f'dan il-pajjiż fl-Amerika Ċentrali. Twettqu proġetti fis-snin 2001, 2002, 2003, 2007 u 2011. Fost dawn insibu bini ta' djar għall-foqra f'Jalpatagua, ċentru għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, ċentru parrokkjali u fish farm f'San Manuel Chaparron.

**PERÙ:** Fis-sena 2005 Fr Ġorġ Xerri M.S.S.P. talab għajnuna fil-bini ta' skola f'Aplao. Din intlaqgħet mill-Mission Fund li f'dik is-sena għenet ukoll fil-bini ta' dar għal familja fqira.

**INDJA:** Fis-snin 2012 u 2014 twettaq proġett ta' bini ta' hostel f'Maharo għal studenti bniet li jattendu l-kulleġġ tal-Ġiżwiti fuq talba tal-missjunarja lajka Ms Marcette Buttigieg.

**TANZANIJA:** Kienet Sr Domenika Ciliberti li fetħet it-triq għall-ewwel esperjenza tal-Mission Fund f'dan il-pajjiż Afrikan. Il-voluntiera ħadmu fuq proġett ta' bini ta' skola fis-snin 2008 u 2009. L-isptar Makiungu f'Singida taħt id-direzzjoni ta' Sr Maria Borda tabiba u ġinekologa rċieva għajnuna fis-snin 2010, 2011 u 2015 fil-bini ta' residenzi għal tobba u speċjalisti kif ukoll blokk ġdid li jservi bħala sala tal-maternità. Il-Mission Fund applika għal għajnuna mill-Ministeru Malti għall-Ambjent u r-Riżorsi biex saru 2 impjanti bio-gas fl-isptar Makiungu. Wara kuntatti mal-Mission Fund, il-kumpanija Maltija Tektraco bniet impjant li jipproduċi l-ossiġnu fl-istess sptar. F'dan il-proġett għenu ukoll il-voluntiera tal-Mission Fund.

**PROĠETTI OĦRA:** Barra minn dawn il-proġetti fejn marru jassistu l-voluntiera tal-Mission Fund, ta' kull sena ikun hemm diversi proġetti oħra fejn il-Mission Fund tgħin permezz ta' donazzjonijiet mingħajr ma tibgħat voluntiera. Matul is-sena 2015 ingħatat għajnuna lill dawn il-proġetti:

» Ċentru tas-saħħa fis-Sudan t'Isfel
» Ċentru għat-tfal bi bżonnijiet speċjali fil-Kenja
» Rescue Centre fil-Kenja
» Ċentru komunitarju fl-Indja
» Estensjoni ta' skola fl-Etjopja
» Librerija u laboratorju tal-kompjuters fil-Pakistan
» Djar għall-foqra fil-Pakistan u l-Filippini
» Xogħol ta' manutenzjoni f'kunvent fl-Indja
» Xogħol ta' tisbiħ f'dar tal-missjunarji f'Kuba
» Tħaffir ta' bjar u spieri fil-Pakistan u l-Etjopja
» Xiri ta' mediċini għall-isptar fit-Tanzanija
» Tmexxija ta' skola fit-Tanzanija

Dan il-ġid kollu sar grazzi għall-ġenerożità kbira tagħkom. GRAZZI.


Indja: Dormitorju għal studenti bniet


Tanzanija: Hostel għall-professjonisti tal-isptar f'Makiungu

**SR IRENE BALZAN M.M.M.**
WAU, SUDAN T'ISFEL

# ĊENTRU TA' PAĊI *u Rikonċiljazzjoni*

Dawn il-ftit versi li ser taqraw m'humiex frott tiegħi imma frott tal-familja sempliċi imma rikka fl-imħabba li tani l-Mulej. Jien trabbejt bħala tifla normali u kelli x-xorti li jkolli ħija. Kellna tfulija normali bħal tfal oħra. Minn dejjem kelli x-xewqa li ngħin lill-batut u l-marid speċjalment lil dawk li l-bżonnijiet tagħhom huma tant bażiċi u essenzjali għall-ħajja. Kienet tiġini ħniena meta kont nara tfal bil-ġuħ fuq it–televiżjoni jew nisma' l-esperjenzi tal-missjunarji. Ridt li nagħmel iżjed u ddeċidejt li nagħti ħajti għal din il-ħolma li ma nqisha tiegħi biss imma li hija fil-linja tal-Mulej.





Studjajt għall-BSc Nursing (Hons) fl-Università ta' Malta, imbagħad wara perjodu ta' formazzjoni reliġjuża komplejt u għamilt post-graduate Diploma tal-Midwifery, fit-Trinity College ġewwa l-Irlanda. Dan preparani għal 4 snin ta' wara ġewwa n-Niġerja u 7 snin fir-Repubblika ta' Benin. Wara għamilt l-MSc Public Health in Developing Countries ġewwa Londra fejn preparani għall-missjoni straordinarja ġewwa r-Repubblika tas-Sudan t'Isfel. Fl-għalqa tal-Mulej dejjem issib x'taghmel ... u fejn tiġi mibgħuta!!!

Il-Healing Centre li qiegħed jinbena bħalissa fil-missjoni tagħna fis-Sudan t'Isfel bis-saħħa tal-Mission Fund jifforma parti minn din il-ħolma sabiħa tal-Mulej u li l-Papa Franġisku jaċċenna għaliha "ħniena"; ħniena mal-batut, mal-marid, mal-fqir u mal-midneb. Parti minn dan iċ-ċentru huwa dipartiment soċjali. Dan iċ-ċentru tas-saħħa huwa maħsub li jagħti l-ħajja mhux biss lill-ġisem imma lill-qalb muġugħa tal-bniedem speċjalment ta' dan il-ġens li għadda minn trawma ta' disgwid, konflitti, qtil u gwerer. Is-servizz ta' dan il-Healing Centre huwa miftuħ għal kulħadd. Fi ħsieb li dan iċ-ċentru jkun mezz ta' paċi u rikonċiljazzjoni għal dan il-poplu fejn kulħadd jara lil xulxin bħal aħwa tal-istess Missier. Mhux faċli!!!

Dan il-Healing Centre ser ikun miftuħ għas-servizz ta' madwar 20,000 ruħ, li huma "returnees". Dawn ġew lura f'darhom meta

gie ffirmat il-ftehim tal-paċi tal-2005 wara għexieren ta' snin ta' gwerra. Però malli rritornaw f'darhom dawn in-nies sabu li kollox kien imġarrab u għalhekk qegħdin joqogħdu ġo għarajjex tal-ħaxix li malajr jiġġarrfu meta x-xita tkun qalila. Barra minn hekk dawn l-għarajjex jistgħu jinħarqu meta jfaqqgħu s-sajjetti bħalma ġralu James Atak, is-*social mobiliser* li jaħdem fil-programm tagħna. Kollox iġġarraf u bil-ħniena tal-Mulej ħadd ma weġġa' jew tilef ħajtu.





Sakemm qiegħed jinbena il-Healing Centre aħna għaddejjin bi programm tas-saħħa fil-kommunità fejn it-tfal u l-ommijiet tqal jiġu mlaqqma u protetti minn mard qalil bħat-tuberkulozi, it-tetnu, il-ħożba, il-poljo, hepatitis, eċċ. Insibu tfal ta' ħames snin li lanqas għadhom ħadu tilqima waħda. Biex nilħqu waħda minn dawn il-kommunitajiet ser ikollna nużaw daqsxejn ta' dgħajsa fuq ix-xmara, però l-ewwel ikollna nagħmlu naqra ħbieb mas-sinjur u s-sinjura ħippopotamu li jabitaw ġewwa x-xmara!!! Dan biex inkunu nistgħu nlaqqmu wkoll din il-komunità li hija maqtugħa għaliha n-naħa l-oħra tax-xmara.

Hawnhekk kien hawn bżonn kbir ta' provvista tal-ilma għaliex huwa post semi-deżert u siġar m'hawnx. Bil-fondi tal-Mission Fund u l-ġenerożità tanġibbli tagħkom irnexxilna nħaffru 4 spieri. Għal kull spiera kien hemm bżonn taħriġ għal tim ta' ħaddiema li x-xogħol tagħhom huwa li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-pompa tal-ilma tal-ispiera. Magħhom ġew imħarrġa 11-il *water handpump mechanic* biex kif tinqala' xi ħsara jkunu jistgħu jsewwuha mingħajr ma nsofru minn nuqqas ta' ilma. Dawn jgħinu wkoll biex dan il-proġett ikun sostenibbli u l-komunità titgħallem terfa' r-responsabbiltà għall-futur tajjeb tagħha.

Il-ħajja missjunarja hija għalija avventura kontinwa b'opportunitajiet varji u sfidi li xi kultant lanqas biss toħlomhom. L-ebda ġurnata m'hi l-istess. Għalkemm għal dawn l-aħħar 15-il sena ħdimt fil-kontinent Afrikan il-pajjiżi huma uniċi u differenti ħafna minn xulxin. Il-ġisem, il-qalb u l-moħħ jaqsmu kulturi differenti, ikel differenti, użanzi differenti u klima differenti tant li s-sistema diġestiva ssir internazzjonali wkoll!!!

Fis-Sudan t'Isfel tagħmel sħana tremenda u l-klima tista' tkun ħarxa. Imma dan m'huwa xejn ħdejn il-qalb tajba tan-nies. Fil-fatt is-suldat li jispiċċa minn xogħolu ħdejna wara ġurnata xogħol jitla' fuqnett tas-siġra tal-mango u jwaddbilna l-frott biex niekluh u naqsmuh miegħu. Imma mhux hekk ghandha tkun il-ħajja? Għalkemm inħoss in-nuqqas tal-familja li trabbejt fiha din iż-żifna kontinwa mal-Mulej iġġiegħlek tkompli tiżfen u tistieden lil min jiżfen!!!

Minn qalbi nirringrazzja lil kull wieħed u lil kull waħda minnkom għas-sapport tagħkom, kemm dak finanzjarju kif ukoll dawk li jitolbu għalina. Mingħajr is-sapport u l-qalb ġeneruża tal-Maltin dan li ghadkom kif qrajtu ma kienx ikun possibbli.

Aħna dejjem niftakru fil-benefatturi tagħna fit-talb tagħna. "DAK LI GĦAMILTU MAL-INQAS FOST ĦUTI GĦAMILTUH MIEGĦI." Il-Paċi magħkom.

**JOSEPH PULLICINO, S.J.**
ETJOPJA

# KONT BIL-GĦATX *u sqejtuni*



Il-*Galilee Centre* huwa ċentru ta' talb u rtiri mmexxi mill-Ġiżwiti u sorijiet Franġiskani (*Franciscan Missionaries of Our Lady*). Dan iċ-ċentru infetaħ erbgħin sena ilu fl-1962 minn Fr. Jerome Gagnier S.J., b'żewġt ikmamar, kappella u kċina ċkejkna biex jilqa' żewġ reliġjuzi għall-irtir tas-sena jew għal xi jiem ta' talb. Mas-snin ġie żviluppat mill-Ġiżwita Fr Roland Turenne S.J., Fr (issa Isqof) Rodrigo Mejia S.J. u Fr Miguel Garcia S.J. Fr Joseph Pullicino S.J. qed ikompli dal-ministeru tal-irtiri f'*Galilee Centre* għal dawn l-aħħar għaxar snin. Bħalissa għandna 31 kamra u f'dis-sena li għaddiet, ilqajna 1,620 ruħ, min għal xi jiem ta' talb u oħrajn għall-irtiri ta' weekend, ta' ġimgħa, jew għax-xahar Injazzjan.

Maż-żmien, il-*Galilee Centre* beda jilqa' mhux biss il-qassisin u r-reliġjużi kattoliċi imma ħafna oħrajn minn knejjes insara differenti. Dawn jiġu għal seminar ta' formazzjoni u għat-talb bħala grupp jew individwalment. Dan hu xogħol sabiħ u bil-kwiet ta' ekumeniżmu.

Għal ħafna snin, qatt ma kellna problema ta' ilma fil-*Galilee Centre*. L-uniku bini fil-viċin ta' dan iċ-ċentru, li jagħti fuq għadira vulkanika, kienu ċentru ta' riċerka tal-baqar (*Livestock Research Institute*), ċentru immexxi mis-Sudan Inland Mission u erba' djar privati. Dawn l-aħħar għaxar snin l-għadira ġiet mogħtija għall-iżvilupp turistiku fejn diġa' nbnew xi lukandi u riżorsi oħra turistiċi. Meta l-għelieqi ta' ħdejna nbidlu f'villaġġ ċkejken, bdejna nħossu n-nuqqas tal-ilma. Hu uġigħ ta' ras li tagħmel tlett ijiem bla ilma meta jkollok 25 ruħ għal irtir jew għal xi seminar.

Ippruvajna soluzzjonijiet proviżorji. F'Mejju 2013, żidna żewġ tankijiet tal-ilma li jesgħu 8,000 litru. Is-sena ta' wara, b'donazzjoni ta' €1,200 tal-Mission Fund bnejna water tower għall-komunità tas-sorijiet li jaħdmu hawn, b'tank ta' 2,000 litru. F'Lulju li għadda erġajna ħassejna l-bżonn li nżidu żewġ tankijiet

oħra ta' 8,000 litru. U xorta ma stajniex ikollna ilma regolari. Bdejna naħsbu li jekk l-ilma mhux biżżejjed għal 31 kamra, kif ser iservi għal ħames blokki ta' bini b'54 kamra, li qed nippjanaw biex nibnu fis-snin li ġejjin?

Xi sena ilu sejjaħna *water diviner* fiċ-ċentru u sab nixxiegħa tal-ilma taħt l-art. Il-prezz li tana kien iżjed milli nifilħu. F'Settembru 2015, sibna persuna li jaħdem għall-Knisja Pentekostali Qal Hiwot, li seta' jgħinna. L-idroloġista tagħhom għamel studju ġeologiku tal-art u qalilna li taħt l-art taċ-ċentru hemm ilma bl-abbundanza. Dan l-istudju ġie issussidjat mill-Mission Fund. Bdejna nħaffru fl-1 ta' Ottubru li għadda fit-8.30 am u mal-11.00 am ħareġ ilma bl-abbundanza. Meta rajt tant ilma, ħariġli ħafna dmugħ ta' ferħ u ta' ringrazzjament lil Alla li offrilna tant ilma. Konna diġa' staqsejna ħafna komunitajiet biex jitolbu ħalli jekk Alla jrid, insibu l-ilma. Wara li saru xi testijiet, fejn ippumpjaw l-ilma għal 24 siegħa b'rata ta' 5.6 litri fis-sekonda, ħadna l-ilma biex jiġi ttestjat f'laboratorju tal-gvern, f'Addis Ababa. Meta ġie ppruvat li l-ilma huwa tajjeb għax-xorb, xtrajna pompa ta' 5.5 HP u tniżżlu l-*casing* għal 80 metru u l-pompa l-ġdida għal 66 metru. Sat-28 t'Ottubru lestejna l-installazjoni elettrika u tal-ilma u bdejna nużaw l-ilma tal-ispiera. Issa serraħna rasna li ser ikollna ilma biżżejjed għal min jiġi biex jitlob fiċ-ċentru. Alla offrilna l-ilma b'ġenerożità kbira.

Din l-ispiera setgħet titħaffer bl-għajnuna ġeneruża tal-Mission Fund. Meta kont Malta fis-sajf tal-2014, żort l-uffiċċju tagħhom fil-Mosta u bdejna nitkellmu fuq il-possibilità ta' spiera fil-*Galilee Centre*. Bqajna nfittxu kumpanija bi prezz raġonevoli. F'Settembru li għadda, kif semmejt qabel, sibna kumpanija tal-Qal Hiwot u għalhekk erġajt tlabt għall-għajnuna mingħand il-Mission Fund. F'Novembru l-Mission Fund għarfuni li ser joffru lil *Galilee Centre* l-offerta ta' €15,000 li ser tkopri t-tħaffir tal-ispiera, il-*casing* (80 metru), il-pajpijiet tal-ilma (66 metri) u pompa ġdida ta' 5.5 HP. Il-*Galilee Centre* ħa ħsieb iħallas ix-xogħol tal-installazzjoni tad-dawl u tal-ilma.

Jiena nħossni grat ħafna lejn il-Mission Fund li għal dawn l-aħħar snin għenu b'donazzjonijiet regolari b'risq dan iċ-ċentru. Fi Frar 2013, b'donazzjoni ta'€2,000 stajna nixtru żewġ magni tal-ħasil ġodda u l-attrezzament ta' żewġ kmamar tal-banju. Bid-donazzjoni ta' Novembru 2014 koprejna l-ispejjez tal-*water tower* u tal-istudju ġeoloġiku qabel it-tħaffir tal-ispiera. Issa bid-donazzjoni ta' €15,000 il-ħolma tagħna ta' tħaffir ta' spiera saret realtà. Nibqa' grat lejn l-istaff u l-benefatturi tal-Mission Fund ta' din l-għajnuna finanzjarja li għenitna nilqgħu tant qassisin, reliġjużi u lajċi li ġew il-*Galilee Centre* biex isibu 'l Alla u jersqu qrib t'Alla. Nitlob li Alla jbierek l-imħabba li għandkom lejn il-missjunarji Maltin li qed jaħdmu fl-istess Knisja ta' Kristu f'pajjiżi differenti. Grazzi.



P. PAWL AQUILINA SJ

# DORMITORJU
## *għal kulleġġ fl-Indja*

**Il-Kulleġġ Universitarju ta' St.Xavier li aħna l-Ġiżwiti bdejna fis-sena 2011 ġol- villaġġ ta' Maharo, 5 kilometri bogħod mill-belt żgħira ta' Dumka, wettaq il-ħolma li kellna sa' mill-bidunett fl-1930 meta Fr.Benjamin Cauchi SJ wasal hawnhekk. Il-ħolma kienet li ngħinu kemm nistgħu biex bl-edukazzjoni nġibu l-quddiem kemm nistgħu lit-tribù santali u ġnus oħra żgħar u dgħajfin li jinsabu fid-distrett enormi ta' Santal Parganas fl-istat ta' Jharkhand. Jiena li ilni hawn fl-Indja mill-1954, meta nirrifletti fuq il-qagħda tat-tribù santal fis-sena 2016, ma nistax ma nistagħġibx bit-tibdil kbir u għall-aħjar li ġabet l-edukazzjoni. Veru li l-edukazzjoni tagħti l-ħajja lill-ġnus.**



Ma konniex weħidna li tajna spinta lill-edukazzjoni tat-tribù santal. Kemm il-gvern u kemm għaqdiet oħra kellhom u għad għandhom l-istess mira bħal tagħna li ntejjbu l-ħajja billi nġibu 'l quddiem fil-pajjiż lil dawk li huma lura u dgħajfin u hekk il-pajjiż kollu jgawdi u jgħaddi 'l quddiem bl-iżvilupp tas-sudditi tiegħu. Allura x'inhu l-kontribut tagħna l-Ġiżwiti fil-qasam tal-edukazzjoni? Iċ-ċittadin jeħtieġlu żvilupp u formazzjoni integrali ta' dak li hu, jiġifieri ruħ, intellet u ġisem. L-iżvilupp morali tal-istudent hu mportanti daqs kemm hi mportanti s-saħħa tal-ġisem u l-iżvilupp tal-moħħ. Hekk tista' tinbena soċjetà f'saħħitha. L-istorja tagħna l-Ġiżwiti Maltin fis-Santal Parganas tixhed li kulfejn ftaħna dar f'xi raħal biex ngħixu fost in-nies li ridna nservu, l-ewwel ħaġa li għamilna kienet li niftħu skola. Mal-iskola dejjem għamilna dormitorju biex it-tfal subien u bniet tal-irħula fil-bogħod setgħu jitgħallmu fl-iskola tagħna. L-iskejjel tagħna huma dejjem minn ta' quddiem kemm f'dik li hi dixxiplina, tagħlim u formazzjoni ta' karattru li n-nazzjon tant jeħtieġ.

Fl-edukazzjoni kellna tliet tarġiet xi nwettqu matul dawn is-snin. Fil-bidu kellna nagħmlu ħilitna biex il-ġenituri jagħrfu is-siwi tal-edukazzjoni. Illum il-ġurnata m'għandniex dan il-bżonn. Imbagħad is-santali u oħrajn bħalhom huma gabillotti żgħar u jiddependu għal kollox fuq ix-xita biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mir-rabà. Kellna u għadna ngħinu b'xi borża ta' studju li l-benefatturi jibagħtulna. Għal ħafna snin għafasna fuq l-edukazzjoni primarja kif spejgajna s'issa. Daqs għoxrin sena ilu rajna li wasal iż-żmien










li nagħtu spinta lill-edukazzjoni sekondarja. Issa wasal il-waqt li nagħtu l-kontribut tagħna fl-edukazzjoni terzjarja tal-università. L-iskop tagħna hu li nagħtu ċans lis-santali, lit-tribujiet oħra, lill-ħindu u lill-musulmani li studjaw fl-iskejjel tagħna primarji u sekondarji li jkollhom faċilità li jistudjaw bil-kumdità kollha fl-università fil-qrib ta' darhom. U stajna wkoll inkomplu niffurmawhom ħalli jkunu ċittadini onesti u bieżla li jagħtu sehemhom u ġieħ lil pajjiżhom u jgħinu jġibuh 'il quddiem.

Wara li bdejna l-kulleġġ universitarju St.Xavier ġo Maharo ħassejna l-bżonn li jkollna dormitorju għall-bniet. Avviċinajna lil Mission Fund tal-Mosta u sabulna benefattur Malti, Dr. Wilfrid Stellini u hekk bnejna l-pjan terren tal-Girls' Hostel biswit il-kulleġġ St.Xavier. Meta beriknih permezz ta' Mgr. Julius Marandi (li hu santal), Isqof ta' Dumka, u nawgurajnih fil-festa ta' Sant'Injazju, fil-31 ta' Lulju 2013, waħħalna plakka fil-bieb prinċipali li hemm fiha miktub: "MISSION FUND: This floor is dedicated to the memory of Dr. Wilfrid Stellini, a generous benefactor, October 2012". Kienu ġew xi wħud mill-Mission Fund biex jagħtu daqqa t'id fil-bini fl-2012 u kienu ġabu magħhom din l-iskrizzjoni. Bdew joqogħdu fih madwar 45 student li qed jattendu l-Kulleġġ Universitarju. Jieħdu ħsiebhom hemm żewġ sorijiet tal-Ursolini, Sr. Bertha Dang ta' esperjenza tajba maż-żgħażagħ u Sr. Regina. Xtaqna li nkomplu nibnu u nispiċċaw il-proġett li meta jkun lest għal kollox f'Marzu ta' din is-sena, fid-dormitorju ikun hemm post għal numru sabiħ ta' 180 studenti bniet kemm santal u kemm ta' nisel ieħor fost il-batuti f'din il-parti tal-Indja. Mill-ġdid tlabna lil Mission Fund biex jgħinuna nibnu pjan ieħor fuq il-pjan terren. Il- Mission Fund laqgħet it-talba tagħna u dan għalina kien balzmu għax hekk għandna opra kbira lesta u moħħna mistrieħ li nistgħu nilqgħu aktar u aktar tfajliet studenti tat-tribu santali u oħrajn u ngħinu fl-iżvilupp tal-Indja.

M'ilhux mort nittawwal sad-dormitorju ma' Fr. Nirmal Raj SJ, is-superjur tal-kommunità tal-Ġiżwiti tal-Kulleġġ St.Xavier, li jieħu ħsieb ukoll ix-xogħol tal-bini. Qalli li nittamaw li sal-aħħar ta' Marzu jkun lest għal kollox u meta niġu biex inberkuh, ikollna x-xorti li jkun hawn magħna xi wħud tal-Mission Fund. Ħadna xi ritratti biex, intom li taqraw, ikollkom idea tal-post u tas-servizz tassew siewi li d-dormitorju hu mistenni li jagħti. Meta tibda s-sena skolastika ġdida f'Ġunju 2016, nistennew numru sabiħ ta' studenti li japplikaw ħalli jiġu joqogħdu f'dan id-dormitorju tal-Kulleġġ St.Xavier, f'Maharo.

**FR CLAUDIO SAC**
TANZANIA

# MAKIUNGU
## *Parish Church*

Makiungu is the first parish in the catholic diocese of Singida, Tanzania. It is the oldest, in the sense that this parish is the door for the catholic faith in this diocese. The Makiungu Parish was started by the White Fathers in the year 1908, and today it comprises ten outstations and three sub-outstations. Three priests and a deacon are now assigned to serve this parish. Many pastoral activities are met in these outstations, and each outstation has an opportunity to have mass for the Christians on a monthly basis.

Makiungu parish is in the eastern part of this diocese, occupied by groups of Bantu tribes. But the native tribe, which is the majority, are known as the Turus/ Wanyaturu. This parish encounters various limitations, including its sandy soil that produces very little when farmed. The inhabitants in this parish would only have a planting season and many times productivity from their labour is low because of low rainfalls that is accompanied by long periods of drought. Sandy soil is very poor for farming, having less minerals and very poor at withholding water.

And hence, due to all these natural limitations in this land, the people in the area are very poor. Right now, there are already many inhabitants who go begging around neighbourhoods for some food in order to survive on a daily basis. We as priests in the parish, work hard and try to meet the



demands of the day of our people, according to what we have at hand and how we manage the little resources that are at our disposal. We always thank the Good Lord through well-wishers that have always helped us go through in those most trying times in our apostolate.

As priests, in a very special way, we would like to strongly thank the Mission Fund Group from Malta. Apart from helping the Hospital that is just adjacent to our parish centre, the Mission Fund Group has been a great resource for our parish as well. Members from this group, who would visit the Makiungu Hospital, have never left visiting us as well. Through the Mission Fund, one of our outstations, the Kinku outstation, has managed to have a permanent church which is heading to its completion now. And as well, with members of the Mission Fund, last summer we managed to make home visits in this outstation, and hence would together witness the reality of what life entails of the people that we serve in this parish. Thank you very much to all those contributing for the Fund, and we want thank God for all of you making our lives happen here. Of recent, we as well requested some funds for renovating a compound for the poor girls that we keep in our parish centre. These girls come from very poor backgrounds and attend a nearby secondary school to pursue their studies. This village school does not offer accommodation or food for the students. For the girls, it is worse because they must get places to stay nearby so that they may attend schooling. What





happens is that, since they have no protection around the village, and always lack their essential needs, (i.e., money for paying accommodation, foods etc.), they would hardly finish their studies because most of them get pregnant and are thus sent back home.

It is in this sense that, the priests in the parish centre have offered some accommodation at least for those very poor. However, the structures are really filthy and it is not appropriate that such beautiful lives dwell in such miserable conditions. We however are trying our best here and this year we want to impart a change to these girls. We are dreaming of them having a nice bedroom, that would comprise shower rooms, a good kitchen where they would have their foods decently cooked, a dining room, because right now I would be ashamed to claim they have a kitchen or a dining room. We plan as well to build for them a nice study room and a class room for extra learning. But all these are dependent on well-wishers, although we also have a lot to contribute. Their parents cannot afford anything, so we do not even dream of any of their contribution.

We thank God that we have received a donation of €5000 from the Mission Fund Group. This has already boosted our morale and we are in a position to start realising our dream. Please help us in case, we struggle with a lot of challenges around here, but specifically this year, we want to do something for these girls. We have as well a plan for a poultry project that would boost their foods, and please think about us in that sense. Lastly, we wish all members of the Mission Fund Group good health and many blessings for the good work they always perform for those like ourselves who are desperately in need of some contribution. And to the many good friends, we say, may you always be granted by God abundantly for the sacrifices you offer for us and all those who are in dire need around the globe.

JOHN SAMMUT

# ŻJARA TAL-PRESIDENT *fl-Albanija*

L-E.T. l-President Marie-Louise Coleiro Preca , nhar it-18 ta' Frar filwaqt li kienet fuq vista uffiċċjali fl-Albanija żaret iċ-Ċentru ta' Żvilupp Soċjali għat-tfal u ż-żgħażagħ fl-Lagjja Mirdita, Durrës, li hu mmexxi mill-Komunita' Dumnikana Maltija fl-Albanija. Jikkumpanjaw il-President kien hemm is-Sur Preca u delegazzjoni numeruża Maltija li kienet milqugħa b'merħba tassew sabiha u ferrieħija mill-komunita' Albaniża tal-post.


Photo - DOI - Jeremy Wonnacott

Wara programm ta' mużika u żfin tradizzjonali, il-President kienet imdawwra mal-post mid-direttur taċ-Ċentru, Patri Geoffrey Bugeja O.P. li fid-diskors tal-okkażjoni wera kif tlett snin ilu l-pjanijiet ġew imħejjija għat-twettiq ta' Ċentru Soċjali bl-aqwa kondizzjonijiet possibbli biex jaqdu l-ħtiġijiet diversi ta' dan ir-raħal u l-irħula ta' madwar. Il-bażi ta' dan iċ-Ċentru kienu ġew imwaqqfa u llum nistgħu napprezzaw it-tkomplija ta' dan il-proġett.

Patri Bugeja kompla biex qal: «Hawnhekk, issa għandna swali fejn jistgħu jiġi mgħallma l-Katekiżmu u fejn qed tiġi offruta l-edukazzjoni personali u soċjali. Nittamaw li ma jdumux ma jibdew l-attivitajiet għall-kindergarten kif ukoll għajnuna medika bażika u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' formazzjoni, flimkien ma' diversi tipi ta' attivitajiet ta' rikreazzjoni u sports. Aħna nixtiequ li noffru ambjent san, fejn jistgħu jiġu offruti diversi għajnuniet fil-kuntest sħiħ ta' formazzjoni tal-bniedem.

Tul dawn l-għoxrin sena sħaħ fl-Albanija rajna u ħassejna b'mod qawwi u bla waqfien is-sapport tal-poplu Malti li, għalkemm jgħix fuq Gżira żghira bi ftit riżorsi naturali, huwa poplu ferm ġeneruż. Il-ġenerożità tiegħu tidher kemm fl-għajnuna finanzjarja fid-diversi attivitajiet ta' ġbir kif ukoll f'ħidma diretta ta' volontarjat. Kienu ħafna dawk il-persuni u gruppi li minn buthom ġew l-Albanija u b'xejn offrew servizzi materjali u edukattivi b'risq il-missjoni tagħna.»

Il-President inawgurat il-faċilitajiet tal-kindergarten il-ġdida taċ-Ċentru, li bħall-partijiet l-oħra taċ-Ċentru saru possibli, grazzi għall-għajnuna finanzjarja ta' diversi Maltin u Għawdxin.

Il-President, li kienet żaret Durrës sentejn ilu meta ċ-Ċentru kien għadu fil-bidu tal-bini tiegħu, irrimarkat li qed tara l-progress li sar fi spazju ta' sentejn. Hija qalet «Meta rajt il-progress li sar fiċ-Ċentru tat-Tfal u ż-żgħżagħ ġewwa – Lagjja Mirdita – Durrës kienet mhux biss sorpriża imma kienet ukoll ħaġa li missitli qalbi. Minn qalbi nirringrazzja lill-Komunita' Maltija Dumnikana fl-Albanija u lill-Father Geoffrey Bugeja tax-xogħol siewi tagħhom, u nirringrazzja wkoll lill-poplu Malti u Għawdxi, għaliex dan kollu kien possibbli bis-saħħa tad-donazzjonijiet tagħhom.» Iċ-Ċentru kollu għandu jfakkar u jikkonferma il-qalb tajba tal-poplu Malti u Għawdxi.

Filwaqt li kienet qed tindirizza dawk preżenti, il-President qalet ukoll li qed tħares 'il quddiem li tilqa' iż-żgħażagħ ta' Durrës f'Malta filwaqt li pproponiet l-organizzazjoni ta' bdil ta' żgħżagħ bejn Malta u Lagjja Mirdita.

Fid-19 ta' Settembru li għadda (2015) f'ambjent ta' festa', knisja ġdida u akbar, li qeda ħdejn iċ-Ċentru kienet ġiet imbierka mill-Isqof Malti, Mons. George Frendo O.P. Awżiljarju ta' Tirana-Durres, u ċ-Ċentru kien inawgurat mill-Majjistru tal-Ordni Dumnikan, P.Bruno Cadore' O.P. Għal din l-okkażjoni ħadu sehem diversi voluntieri minn Malta.



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott

DOLCERIA
Bontà
A GUARANTEE OF SATISFACTION

... Catering With Elegance

We provide a professional and innovative wedding catering service aimed at meeting each client's individual needs.





Dolceria Bonta'
Xghajra Rd,
Zabbar
Tel: 21677949
info@dolceriabonta.com

JOE MIFSUD

# PROĠETT TAMA 2016

Il-Filippini, pajjiż fl-Asja b'poplu numeruż u żagħżugħ. Jinsab bogħod aktar minn 1,000 kilometru mill-eqreb ġirien, il-Borneo u t-Tajwan li anke dawn huma gżejjer. Il-Filippini jikkonsistu f'aktar minn 7,000 gżira mifruxa fuq medda ta' 2,000 kilometru fil-baħar paċifiku. Popolazzjoni ta' 108 miljun ruħ li għandhom eta' medja ta' 23 sena. 13 il-miljun minnhom jgħixu fil-kapitali Manila.

Il-Filippini, fejn it-terremoti u tifuni huma komuni. Bejn Mejju u Ottubru l-monsoon iniżżel xita qawwija u kontinwa li tfawwar u tgħarraq inħawi sħaħ. Din ix-xita ġġib magħha sħana qawwija. Hemm ukoll numru ta' vulkani li jiżbruffaw minn żmien għall-ieħor. In-natura hawn toffri minn kollox!

Fil-Filippini fejn 80% tan-nies huma kattoliċi insibu taħlita ta' razez. Il-paga hija waħda baxxa u għalhekk insibu li għadd kbir ta' ħaddiema jfittxu impjieg f'pajjiżi barranin fosthom Malta.

Il-Maltin u Għawdxin ma baqgħux lura!! Bil-għajnuna tagħkom il-Mission Fund tgħin 10 missjunarji Maltin li ħallew kollox biex jgħinu lin-nies tal-Filippini. Insibu 2 patrijiet mis-soċjetà ta' San Pawl u ieħor Franġiskan. Fost is-7 sorijiet hemm dawk Dorotej, ta' St Joseph u ta' Nuzzu. Permezz tal-kontribuzzjonijiet tagħkom il-Mission Fund irnexxilha tibagħtilhom is-somma ta' €24,000 matul is-sena 2015 biex ikunu jistgħu jwettqu inizjattivi favur il-fqir u l-batut.

Minbarra din l-għajnuna lil kull missjunarju b'mod regolari, il-Mission Fund twettaq ukoll proġetti partikolari mitluba mill-missjunarji Maltin. Fil-preżent numru sabiħ ta' voluntiera qed jitħejjew biex iwettqu proġett mitlub mill-missjunarju Fr Joe Cremona M.S.S.P. Fr Joe twieled l-Awstralja u għex il-belt Valletta. Ilu saċerdot 32 sena u missjunarju għal dawn l-aħħar 26 sena nofshom fil-Perù u n-nofs l-ieħor fil-Filippini.

Il-proġett mitlub minn Fr Joe hu ċentru fejn iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu sew għal formazzjoni kif ukoll biex ikomplu jitgħallmu skola jew sengħa. Il-voluntiera tal-Mission Fund ser iqattgħu 5 ġimgħat joffru ħidma fuq il-lant tax-xogħol f'Bataan fil-Filippini. Il-Mission Fund qed tirsisti biex tiffinanzja ukoll dan il-proġett bi spiża ta' madwar 150,000 Ewro. Meta nħarsu lejn il-proġetti l-oħra li l-Mission Fund għenet matul is-snin, nimtlew bil-kuraġġ. Nemmnu li bil-għajnuna tagħkom naslu ukoll biex dan il-proġett ta' fejda jitwettaq għall-ġid ta' ħutna u għall-glorja t' Alla.


KEYANG
No nonsense - Just quality
AFFORDABLE
PROFESSIONAL TOOLS
2 YEAR WARRANTY
Cordless Tools powered by
LITHIUM Long Life -ION
afs®
Opening Hours:
Mon-Fri: 8.00am - 5.00pm
Sat: 8.00am - 12.00 noon
Mdina Road, Attard - Tel: 2141 7771
Email: sales@afs.com.mt


Roasted in London.
Lovingly handcrafted
in Malta.
Feel revived with your favourite cup of coffee made expertly by our baristas.
You can find us in Spinola Bay St. Julian's, Marsaxlokk, Balzan and at the Point level -2, The Embassy shopping complex, Bay Street, Level 1 and Malta International Airport.
#costacoffeemalta
COSTA
COFFEE

JOHN SAMMUT

# MINISTERU ta' Mħabba



Fl-4 ta' Settembru 2015 Fr George Bugeja OFM ġie maħtur Isqof Koadjatur tal-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli f'ċerimonja li saret fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu. Fr Bugeja twieled fl-1 ta' Lulju 1962 fil-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija tax-Xagħra, Għawdex. Huwa beda n-novizzjat tiegħu fl-1977 fil-Kunvent ta' Sant'Antin ta' Padova f'Għajnsielem, fejn ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Lulju 1986.

Il-motto li Mons Bugeja għażel għall-ministeru tiegħu huwa "Sub Tuum Praesidium', jiġifieri "Taħt ħarstek nistkenn". Fil-fatt, kif appena ġie mgħarraf bin-nominazzjoni tiegħu episkopali, l-ewwel talba li għamel kienet dik lejn Ommna Marija fejn talabha biex titfa' l-ħarsa tagħha fuq il-ministeru ġdid tiegħu.

Il-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. George Bugeja kienet immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Għal din iċ-ċelebrazzjoni solenni attendew mhux inqas minn disa' isqfijiet oħra fosthom l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, Mons. Silvestru Magro OFM (Vigarju Appostoliku f'Bengażi, il-Libja), Mons. Joe Bonello OFM u Mons. Robert Camilleri OFM (it-tnejn Isqfijiet fil-Ħonduras), u Mons. Pawlu Darmanin OFM. Cap. u Mons. Joe Alessandro OFM. Cap. (it-tnejn Isqfijiet fil-Kenja).

Fl-omelija li għamel għall-okkażjoni, l-Isqof Mario Grech iddeskriva l-għażla ta' Mons. Bugeja għall-ministeru ta' isqof bħala turija ta' mħabba t'Alla lejn il-Knisja ta' Għawdex li għalkemm ċkejkna fid-daqs imma kbira fil-qalb. Huwa qal li Alla għażel lil Mons. Bugeja biex imur jagħmel il-frott - frott li ma jispiċċax. Aħna għandna nimxu fuq il-mudell tal-imħabba kif għallimna Ġesù Kristu stess: "Kif Missieri ħabb lili, hekk ħabbejtkom Jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15:9, 13). Huwa saħansitra qalilna: "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħitkom, itolbu għal min iżeblaħkom" (Lq: 6:27-28). L-Isqof Grech tenna li Ġesù ħatar lil Mons. Bugeja biex imur ixandar il-Vanġelu tal-imħabba permezz tal-ħajja sempliċi u umli tiegħu. Huwa ħeġġeġ lil Mons. Bugeja biex jibqa' jħobb anki meta jkun iħossu waħdu f'ċirkostanzi diffiċli. Huwa wissieh li fil-ministeru tiegħu jista' jiltaqa' ma' mumenti li ma jkunx jista' jaqsamhom ma' ħadd imma li jrid jibqa' jġorrhom f'qalbu sal-qabar. F'dawn il-

mumenti huwa għandu jiffissa għajnejh fuq il-Kurċifiss u hemm jifhem il-prezz li jkollu jħallas bħala isqof. Hemmhekk, huwa jsib il-faraġ għax l-imħabba ta' Kristu tiżboq fuq kull xorta ta' ħażen.

L-Isqof Grech spiċċa l-omelija tiegħu billi wegħdu t-talb tiegħu lil Madonna ta' Pinu biex taħt il-ħarsien tagħha tieqaf miegħu ħalli l-Ispirtu s-Santu jagħtih il-qawwa biex jirbaħ id-diffikultajiet kollha li jiltaqa' magħhom. Huwa assigurah li fit-talb tagħna aħna ser nakkumpanjawh f'din il-mixja billi nitolbu lil Marija, Omm l-Imħabba, biex tinterċedi għalih u għall-Knisja afdata fil-kura pastorali tiegħu.

Ħatra Ġdida: Bilkemm laħaq beda l-missjoni pastorali ġdida tiegħu fi Tripli li Mons Bugeja ġie mogħti ħatra ġdida oħra. Fl-14 ta' Frar 2016, il-Papa Franġisku ħatar lil Mons Bugeja bħala suċċessur tal-Isqof Sylvester Magro li kellu jirreżenja minn Vigarju Appostoliku f'Bengażi peress li kien għalaq 75 sena. L-Isqof Magro jibqa' jissemma fuq il-kuraġġ li wera meta rrifjuta li jabbanduna il-komunità nisranija ta' Benghazi minkejja l-konflitti li ġraw b'riskju imminenti għall-ħajtu.

## Talba ta' Affidament tal-Isqof George Bugeja O.F.M. lill-Madonna Ta' Pinu

Sliem għalik, glorjuża u mbierka
Marija Omm Alla u Ommna.
Quddiemek nersqu u nitolbu
l-ħarsien tiegħek ta' Omm ħanina.
Int l-imbierka u l-glorjuża
magħżula mill-Missier l-Aktar Għoli
biex tkun Omm Ibnu Ġesù.
Int li kont l-ewwel tabernaklu tiegħu
għax ġarrejtu fik fiż-żmien tat-tqala, li ħaddantu miegħek,
rabbejtu fl-għożża
u bqajt magħquda miegħu
sa fuq il-Kalvarju;
int li, kif kien jistħoqqlok, ġejt
imtellgħa s-Sema bir-ruħ
u bil-ġisem, idħol għalina bl-imħabba tiegħek ta' Omm
li tħares u tgħożż lil uliedha.

F'dan is-Santwarju tiegħek Ta' Pinu
aħna nqiegħdu lilna nfusna
taħt il-ħarsa tiegħek ta' Omm:
ħudna f'idejk u mexxina dejjem
lejn Ibnek Ġesù
biex bħalek nagħmlu dejjem
ir-rieda tiegħu.
Sliem għalik, palazz tiegħu.
Sliem għalik, tabernaklu tiegħu.
Sliem għalik, dar tiegħu.
Sliem għalik, ilbies tiegħu.
Sliem għalik, qaddejja tiegħu.
Sliem għalik, Omm għażiża tiegħu.




BR. KIKO BAEZA
MWANZA, TANZANIA

# A BOREHOLE FOR Marist Brothers School

**Let me take this opportunity to share a bit on the history that has brought us to this project. The Marist Brothers is a Catholic Religious Congregation founded in France in 1817 by St. Marcellin Champagnat with the purpose of bringing education to children, especially those most in need and in vulnerable situation.**

Attending the calls of the Church, the Brothers arrived to Tanzania in 1992 to Musoma diocese where we operate the Masonga Secondary School (mixed, day and boarding) on behalf of the Diocese. In 1999 the Brothers opened a second community in Mwanza, dedicated to youth ministry in the city and its environs.

The experience of 3 years convinced us of the need of a catholic secondary school for boys, given that (justly) there were a number of secondary schools for girls, but none for boys. However this idea had to wait for several years to be put into practice...

In 2001 we opened in Nyakato the Marist postulancy, a formation house where young men from East and Central Africa interested in becoming Marist Brothers start their formation.

Finally, in January 2013 the long dreamed of “Boys Secondary School” opened its doors to the first generation of 80 students.

Being located in an urban center, it has been clear to us that we have to respond to the very specific needs and challenges of the new and growing urban middle-class, compounded with the challenges of the still young Tanzanian democracy. In this context, the fundamental concept of Marist Pedagogy finds its most urgent field: to help the students to become good Christians and good citizens:

1. Good Christians, developing our spirituality and living out the Gospel values of forgiveness, solidarity, justice.
2. Good Citizens, creating awareness of our rights and duties as citizens, fostering social responsibility, caring for those less fortunate than us, open to dialogue in a multicultural society.

The development of the school, though very encouraging so far thanks to the support of many people and commitment of teachers, parents and students, has not lacked challenges and difficulties. One of them, the need to supply proper services to the school community to ensure a favourable learning and healthy environment. Mostly as the official services sometimes go lacking.

To this effect, with the collaboration of the parents, in 2014 we bought a generator that provides electricity so students can study during the evenings.

And we remained with the problem of water supply. Becoming more acute as the students population grew year after year, compounded with a number of cholera outbreaks in the country and the city.

This is when we sought the help of the Mission Fund to try to solve this problem of water shortage. The drilling of the borehole, ensuring safe and reliable water supply will greatly help the school population to have the environment required to keep healthy, fit and ready to profit from the educative activities of the school.

The implementation of this project, the drilling of the borehole, will substantially help in the development of the school, considering that, on one hand, the current population of students stands at 350 and we expect it to grow up to 750 boys and young men over the next 5 years and on the other hand the supply from the city is unreliable at most. In fact, sometimes we go through 3 or 4 days without receiving water, relying only on rain water collected, but even this can’t last for long.

On behalf of the students, teachers, parents and Marist community I express my deepest gratitude to Malta Mission Fund for your support in helping us to implement this important project. May God bless you all in all your activities.

polidano press ltd

for a quotation kindly call us on
**tel: 2122 7888**
or e-mail: info@pplmalta.com




**small & large quantities**

from a **business card**
to a **large format poster**



**www.pplmalta.com**

DONAZZJONIJIET MOGĦTIJA LILL-MISSJUNARJI MATUL L-2015

# GĦALIEX META NAGĦTU *aħna naqilgħu...*

L-iskop li għalih ġiet imwaqqfa l-Mission Fund huwa biex ikun ta' spalla għall-missjunarji Maltin u Għawdxin. Id-donazzjonijiet li ngħataw matul l-2015 laħqu s-somma rekord ta' €704,224. Dawn kienu jikkonsistu hekk:

### AFRIKA T'ISFEL

**Għotja ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Ms Josephine Buhagiar
Ms Miriam Cassar

### ALBANIJA

**Għotja ta' €4,000 lil:**
Isqof George Frendo
**u għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Fr Geoffrey Bugeja
Fr Bernard Caruana
Fr Emanuele Cutajar
Fr Constantine Mamo

### BRAŻIL

**Għotja ta' €4,000 lil:**
Vincent Costa
**u għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Mons. Joseph Agius
Fr Luqa Azzopardi
Fr Carmel Borg
Fr Constantino Borg
Fr John Caruana
Fr Xavier Cutajar
Fr Paul Mercieca
Fr Joseph Sciberras

### EĠITTU

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Fr Anthony Fenech
Sr Vittoria Gauci
Sr Helen Jones
Sr Antonia Sammut

### ETJOPJA

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Sr Laetitia Borg
Sr Lutgarda Camilleri
Fr Joseph Pullicino
Sr Carmen Sammut

### ALĠERIJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Sr Graziella Camilleri

### BOLIVJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Fr George Keers









# "Agħtini nixrob"

Ġw 19, 28

**FILIPPINI**

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Sr Maria Esther Attard
Sr Annie Catania
Sr Mary Cini
Fr Joseph A. Cremona
Sr Marianne Farrugia
Fr. John Muscat
Sr Celia Agius Vadala

**GWAM**

**Għotja ta' €2,000 lil:**

Mario u Audrey Borg

**GWATEMALA**

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Fr Anton Grech
Fr Joseph Camilleri

**ĠORĠJA**

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Mr Joseph Buhagiar
Ms Rosanne Seychell

**ĦONDURAS**

**Għotjiet ta' €4,000 kull wieħed lil:**

Isqof Joseph Bonello
Isqof Robert Camilleri

**u għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Fr Alberto Gauci
Fr Angelo Falzon

**INDJA**

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Fr Paul Aquilina
Sr Gaetana Bonello
Fr. Anthony Gatt SJ
Fr Jos.M.Gauci Sacco
Sr Serafina Grima
Bro Carmel Muscat
Fr Emidio Saliba
Fr Aloysius Zammit

**IŻRAEL**

**Għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Sr Joan Borg
Sr. Mary Borg
Sr Valerie Borg
Sr Dorothy Busietta
Sr Patricia Crockford
Sr Maria Domenici
Sr Emmanuela Micallef
Sr Luigina Muscat
Sr Mary Rose Muscat
Sr. Anne Savona

**KENJA**

**Għotjiet ta' €4,000 kull wieħed lil:**

Isqof Joseph Alessandro
Isqof Emanuel Barbara
Isqof Paul Darmanin

**u għotjiet ta' €2,000 kull wieħed lil:**

Fr George Bezzina
Sr Sandra Cassar
Fr Damian Formosa
Sr. Josepha Gauci
Fr Joseph Galea
Sr Michelina Micallef

## KAMERUN

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Sr Maria Carmela Grech

## KOLOMBJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Ms Rose Mallia

## KUBA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Mr Joseph Buttigieg

## LATVIJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Ms Rita Refalo

## LEBANON

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Fr Tony Calleja

## LIBJA

**Għotja ta' €4,000 lil:**
Isqof Sylvester Magro

## TAJWAN

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Sr Dolores Fenech

## TURKIJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Sr Lydie Saliba

## PAKISTAN

**Għotja ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Sr Natalie Abela
Sr Rachele Agius
Sr Guistina Aquilina
Fr James Borg
Sr Josephine Borg
Sr Celeste Buhagiar
Fr John Farrugia
Sr Frances Farrugia
Sr. Dolores Gauci
Sr Mary Ann Mallia
Sr Anna Maria Sammut
Sr. Ilaria Schiavone

## PERÙ

**Għotja ta' €2,000 kull wieħed lil:**
Fr Giovanni Cefai
Mr Tonio Farrugia
Fr. Victor Livori
Mr Hector Pickard
Fr Marcell Portelli
Fr Raymond Portelli
Fr Peter Paul Xerri
Mr Stephen Zammit
Fr Victor Zammit

## ŻAMBJA

**Għotja ta' €2,000 lil:**
Sr Catherine Farrugia

**Dawn id-donazzjonijiet intużaw skont il-ħtiġijiet ta' kull missjunarju:**

- Għall-ħidmiet pastorali
- Għall-għajnuna lil familji foqra li m'għandhomx il-bżonnijiet bażiċi tal-ħajja, jiġifieri ikel, ħwejjeġ u saħħa
- Għall-edukazzjoni tat-tfal foqra biex jitħallsu l-miżati tal-iskola
- Għat-tmexxija ta' ċentri tal-anzjani u ta' persuni bi bżonnijiet speċjali
- Għall-għajnuna lil persuni bi problemi tad-drogi, alkoħol jew logħob
- Għat-tmexxija ta' orfanatrofji u ċentri tas-saħħa
- Għall-formazzjoni tas-seminaristi
- Biex tingħata għajnuna lill-ħabsin







# Għotjiet lill-missjunarji

"Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ." (2 Kor 9,7)

| Sena | Euro | Sena | Euro | Sena | Euro | Sena | Euro | Sena | Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1990 | 18,285.55 | 1997 | 78,576.33 | 2004 | 164,341.87 | 2011 | 381,300.00 |
| 1984 | 1,863.50 | 1991 | 44,840.37 | 1998 | 73,449.99 | 2005 | 150,500.49 | 2012 | 307,800.00 |
| 1985 | 5,078.03 | 1992 | 35,522.89 | 1999 | 100,004.22 | 2006 | 157,989.97 | 2013 | 649,670.00 |
| 1986 | 8,735.14 | 1993 | 73,608.09 | 2000 | 104,677.71 | 2007 | 166,773.97 | 2014 | 486,552.00 |
| 1987 | 13,976.22 | 1994 | 99,422.17 | 2001 | 134,176.76 | 2008 | 218,654.00 | 2015 | 704,224.00 |
| 1988 | 10,482.17 | 1995 | 63,475.33 | 2002 | 178,758.69 | 2009 | 223,984.00 | | |
| 1989 | 32,739.30 | 1996 | 61,611.84 | 2003 | 213,056.05 | 2010 | 289,903.00 | TOTAL | €5,281,406 |

**Ingħataw donazzjonijiet ta' €500 lil kull missjunarju għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija b'suffraġju għall-benefatturi tal-Mission Fund u l-qrabatħom:**

Msgr. Joseph Agius (Brażil)
Isqof Joseph Alessandro (Kenja)
Fr Paul Aquilina (Indja)
Fr Luqa Azzopardi (Brażil)
Isqof Emanuel Barbara (Kenja)
Fr George Bezzina (Kenja)
Isqof Joseph Bonello (Ħonduras)
Fr Constantino Borg (Brażil)
Fr James Borg (Pakistan)
Fr Geoffrey Bugeja (Albanija)
Isqof George Bugeja (Libja)
Fr Joseph Camilleri (Gwatemala)
Isqof Robert Camilleri (Ħonduras)
Fr Bernard Caruana (Albanija)
Fr Giovanni Cefai (Perù)
Fr Joseph A. Cremona (Filippini)
Fr Emanuele Cutajar (Albanija)
Fr Angelo Falzon (Ħonduras)
Fr John Farrugia (Pakistan)
Fr Anthony Fenech (Eġittu)
Fr Joseph Galea (Kenja)
Fr. Anthony Gatt SJ (Indja)
Fr Alberto Gauci (Ħonduras)
Fr Jos. M. Gauci Sacco (Indja)
Fr Anton Grech (Gwatemala)
Fr George Keers (Bolivja)
Fr. Victor Livori (Perù)
Isqof Sylvester Magro (Libja)
Fr Constantine Mamo (Albanija)
Fr Paul Mercieca (Brażil)
Fr. John Muscat (Filippini)
Fr Marcell Portelli (Perù)
Fr Joseph Pullicino (Etjopja)
Fr Emidio Saliba (Indja)
Fr Joseph Sciberras (Brażil)
Fr Salvatore Vella (Brażil)
Fr Peter Paul Xerri (Perù)
Fr Aloysius Zammit (Indja)
Fr Victor Zammit (Perù)

## PROĠETTI

Saru diversi proġetti skont il-ħtiġijiet tal-missjunarji:

- Sr Maria Borda MMM (Tanzania): Għall-bini ta' staff house **€156,766**
- Sr Irene Balzan MMM (Sudan t'Isfel): Għall-bini ta' ċentru tas-saħħa **€80,000**
- Isqof Emanuel Barbara (Kenja): Għall-bini ta' ċentru għat-tfal bi bżonnijiet speċjali u tħaffir ta' bjar komunitarji **€10,313**
- Fr Joe Cilia (Indja): Għall-bini ta' ċentru komunitarju **€50,000**
- Sr Victoria Vassallo (Etjopja): Għall-bini ta' estensjoni ta' skola **€20,000**
- Sr Frances Farrugia (Pakistan): Għall-bini ta' laboratorju tal-kompjuters **€10,000**
- Ġiżwiti fl-Indja: Għall-bini ta' dormitorju ta' kulleġġ **€20,000**
- Sorijiet tal-Klarissi fl-Indja: Għat-tmexxija tal-monasteru **€2,000**
- Sr Rachele Agius (Pakistan): Għall-bini ta' żewġt idjar u tħaffir ta' borehole **€10,500**
- Fr Claudius Mndolwa: Għall-bini ta' dormitorju għal studenti foqra **€5,000**
- Sr Martina Wanda: Għax-xiri ta' karozza għall-isptar ta' Makiungu **€5,190**
- Mr Ruben Pace (Kuba): Għax-xogħol ta' manutenzjoni f'dar residenzjali **€16,500**
- Sr Annie Catania (Filippini): Għall-bini ta' djar għall-familji foqra **€10,000**
- Fr Joe Pullicino (Etjopja): Għat-tħaffir ta' spiera **€15,000**
- Donazzjonijiet oħra mogħtija waqt l-esperjenza missjunarja fit-Tanzanija **€36,100**
- Fr Nicholas Kileo (Kenja): Għall-bini tar-Rescue Centre **€50,000**





idħol fis-sit uffiċċjali tagħna
**www.missionfund.org.mt**




# benefattur/sostenitur

## ...inti wkoll tista' tgħin

**€35 fis-sena** biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi eċċ għal tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€35 fis-sena** biex titma tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€45 fis-sena** biex timpjega katekista għal sena.

**€55 fis-sena** biex tipprovdi edukazzjoni bħala boarder lil tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€115 fis-sena** biex timmedika pazjent tat-T.B.

**€235 fis-sena** biex titma u tmantni familja sħiħa f'artijiet tal-missjoni għal sena.

**€500 fis-sena** biex jitħaffer bir għall-ilma.

ISEM U KONJOM:

INDIRIZZ:

KODIĊI POSTALI: TEL: MOBILE:

EMAIL:

**Jien, hawn taħt iffirmat/a, inwiegħed is-somma indikata minni hawn fuq kull sena, u jekk għal xi sena partikolari ninsa nħallas, nitlob lill-Mission Fund biex tfakkarni billi tibgħatli nota.**

FIRMA DATA

NOTA: Jekk xi ħadd, pereżempju, jixtieq jagħti donazzjoni ta' €100 fis-sena jista' jimmarka ż-żewġ kaxxi tal-€45 u tal-55.

REG. No: vo/0015



Sr Rachele Agius twieldet l-Għarb, Għawdex fl-1939. Hija daħlet mas-sorijiet Dumnikani fl-1959. Wara n-novizzjat hija ġiet mibgħuta l-isptar Santa Katerina u wara li ħadet it-taħriġ neċessarju, bdiet taħdem fil-maternità. Wara ħidma f'diversi kunventi f'Malta u f'Ruma, hija bdiet il-missjoni tagħha fil-Pakistan fl-1994.

**SR RACHELE AGIUS OP**

# SORIJIET DUMNIKANI *Maltin fil-Pakistan*

Ix-xogħol tiegħi partikulari huwa fil-qasam tas-saħħa. Ngħin fl-ispiżerija kuljum fejn ħafna morda jiġu għall-mediċini u għall-għajnuniet oħra. Min m'għandux x'jitma lit-tfal, min m'għandux ilma d-dar. Ngħin ħafna familji fl-edukazjoni tat-tfal billi ninkuraġġihom jibgħatu t-tfal l-iskola u għalhekk nixtrilhom l-uniformi u l-kotba u b'hekk it-tfal jibdew jieħdu l-edukazzjoni.

Jiġu kull xorta ta' morda. Ħafna drabi jġibuhom fuq karettun bil-ħmar. Jiġu ħafna każijiet tat-twelid u billi fir-raħal m'hawnx sptar, f'każijiet diffiċli neħodhom l-isptar fl-eqreb belt li hawn bil-van tagħna.

Waħda mill-marda komuni hija dik tal-għajnejn u sfortunament ħafna minnhom jagħmew. Għalhekk aħna niġbru grupp ta' morda u neħduhom għall-operazzjoni biex b'hekk jiġu jaraw. Anke f'każ ta' operazzjonijiet oħra, neħduhom l-isptar u nħallsulhom l-ispejjeż tal-operazzjoni. Għax avolja l-isptar huwa tal-gvern, il-mediċini meħtieġa għall-operazzjoni jridu jinxtraw u għalhekk ħafna nies imutu għax ma jkollhomx flus biex jixtruhom.





Barra dan kollu aħna nipprovdu l-manteniment ta' 60 tifel zgħar u 40 tfajla li jgħixu fl-istitut tagħna. Dawn it-tfal huma kolla nsara u peress li ħafna minnhom huma orfni jew jiġu minn familji foqra, irridu naħsbulhom għal kollox.

Aħna s-sorijiet nedukawhom mhux biss billi nibagħtuhom l-iskola iżda wkoll ngħallmuhom kif jgħixu ta' nsara u ċittadini tajbin. Dan kollu nistgħu nagħmluh bil-għajnuna tal-benefatturi Maltin u Għawdxin.

Irrid nirringrazzja b'mod speċjali lil Mission Fund tal-kontribuzzjonijiet li jagħtuna b'mod regolari.

Jiena nemmen fil-provvidenza t'Alla li dejjem jipprovdi dak kollu meħtieġ għalina. Dan l-aħħar tawna 3000 Euro biex għamilna *tubewell* li minnu qiegħdin jibbenefikaw 150 ruħ b'dan l-ilma. Barra minn hekk qiegħdin insaqqu il-ftit rabà li għandna fejn niżirgħu ħxejjex tal-ikel għat-tfal u għalf għall-baqar li jipprovvdu l-ħalib għat-tfal.

Barra minn hekk, bnejna konka mat-*tubewell* biex it-tfal jidħlu jċafċfu fl-ilma ħalli jtaffu ftit mis-sħana qalila tas-sajf.

Għajnuna oħra li l-Mission Fund tawna hija ta' 3500 Euro biex ngħinu diversi familji jerġgħu jibnu d-djar tagħhom wara li waqgħulhom bl-għarar li kellna dan l-aħħar.

Għalhekk mill-ġdid nirringrazzjakom flimkien mas-sorijiet l-oħra tagħna u mat-tfal li jgħixu magħna.

Il-Mulej iberikkom u jagħtikom paċi u sliem.



Jiena twelidt f'Ħal-Qormi, San Ġorġ. Din is-sena inkun ili 50 sena li ħallejt kollox u ddeċidejt li nieħu bis-serjetà dak li Ġesù kien qed jitlobni. Sibt posti mad-Dumnikani Maltin u ħdimt fl-Isptar Sta. Katerina, Ħ'Attard u fl-1984 ġejt il-Pakistan. Ili hawn 31 sena u għaddew bħal ħolma.

SR FRANCES FARRUGIA OP

# ĦIDMA MISSJUNARJA *fil-Pakistan*

Fil-bidu li ġejt il-Pakistan, sakemm sirt naf sewwa x'kien hemm madwari, servejt fl-Iskola Jhang Sadar imma malajr intbaħt li kien hemm ħafna iżjed x'isir. Il-fqar dejjem magħkom jgħidilna Ġesù, u wara li mort inżurhom fejn kienu jgħixu indunajt li aħjar inxammar il-kmiem u mmidd idejja hemm. La mezzi sanitarji, la ilma tajjeb għax-xorb, ħmieġ ma' kullimkien, mard, tfal imutu bir-radam, nisa msawwta, droga, serq, xorb, taħwid fil-familji.....u x'ma baqax!



Sakemm tgħallimt il-lingwa u studjajt x'kienu l-ewwel ħtiġijiet ta' dawn in-nies, kont nitħaddet ma' sħabi wara l-iskola. Waħda minnhom, Sr. Theresina Fenech O.P., illum il-ġurnata rikoverata fil-Kunvent Sta. Katerina, u m'għadha tiftakar xejn minn dak kollu li għamlet ma' dawn in-nies, kienet turini min huma dawk li kienu l-aktar fil-bżonn billi hi kienet ilha hawn ħafna snin qabli. Bdejt biex nipprovdu ilma tajjeb għax-xorb u mhux imħallat bid-drenaġġ. Kien hemm bżonn ta' pompi tal-idejn biex intellgħu ilma ġieri tajjeb u mhux ikkontaminat. Għallimt lin-nisa kif ifaddlu flus fil-bottijiet biex ma' dak li kont nirċievi minn Malta... mingħand il-familja fil-bidu, wara il-Moviment Kerygma għinni nagħmel *tubewell* u wara il-Mission Fund tawni offerta biex nirranġa l-kanali miftuħa tad-drenaġġ u ngħattuhom bil-blat tal-konkos. Aktar indafa, inqas insetti u nemus qerriedi bħal malarja u *dengue*. Inqas tfal b'wiċċhom imdewwed bid-dubbien għax issa kellhom fejn ommhom setgħet taħsilhom. Bil-għajnuna ta' ħafna benefatturi Maltin bnejna skola minn preparatorja sa klassi tal-*co-education* biex dawn it-tfal ikollhom ċans ukoll isibu ħajja aħjar 'il quddiem kif fil-fatt ġara.

Kien hemm żmien meta ħarġet il-liġi tad-dagħa kontra l-Profeta (Il-Paċi Miegħu) u għal xejn b'xejn ħafna irġiel u żgħażagħ Insara bdew isibu ruħhom il-ħabs. Kont immur nitkellem għalihom mal-Awtoritajiet Ċivili ta' Jhang u flimkien mal-Kappillan ħriġna ħafna minnhom mill-ħabs. S'issa din il-liġi għadha l-iktar pjaga qerrieda fil-Pakistan. L-ebda miġnun mhu sejjer jitkellem kontra il-Profeta (il-Paċi Miegħu) fil-beraħ! Akkużi foloz biex jitterrorizzaw lill-minoranza fil-pajjiż.

Wara 15-il sena ġejt mibgħuta Lahore u hemm ftaħna dar

biex inkompli l-formazzjoni tal-kandidati ġodda tagħna, barra li bqajt infittex lil dawk li kienu tabilħaqq fit-trufijiet u mwarrba minn kull għajnuna. Ngħallem l-Ingliż fis-Seminarju u tagħlim ieħor reliġjuż lil gruppi ta' novizzi u sorijiet qabel l-aħħar professjoni.

Issa mxejna f'raħal ieħor fl-Arċidjoċesi ta' Lahore, Asif Town u hemm ftaħna skola għall-bniet biss għax dawn huma l-aktar fil-bżonn billi skond il-moħħ ta' dawn in-nies m'hemmx għalfejn jedukaw lill-bniet la darba dawn ser iżewġuhom malajr. Issa il-mentalità ta' dan ir-raħal qed tinbidel bil-mod il-mod u s-sorijiet Pakistani tagħna qed jagħmlu ħilithom biex nerfgħu id-dinjità ta' din il-Komunità Nisranija bi ftit familji Musulmani mxerrdin madwar. Dawn ukoll issa bdew jibagħtu lil uliedhom bniet fl-iskola tagħna u ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li fil-ħin ikollhom il-lezzjoni tal-katekiżmu. Billi l-Iżlam hu bilfors għal kulħadd, l-istudenti Insara jitgħallmu l-Iżlam fil-ħin flimkien.

Nagħmlu ukoll xogħol pastorali mal-familji ta' din iż-żona. Inħeġġu liż-żgħażagħ fit-tagħlim nisrani u nistednuhom jaħdmu magħna bħalma hu l-kor għall-knisja, tindif tal-knisja, jgħinu lil xulxin fil-bżonnijiet tagħhom u nibnu djalogu ma' dawk li ma jaqblux magħna.

Qed nagħmlu ħilitna biex hawn ukoll inneħħu d-drenaġġ mit-toroq dejqa u maħmuġa ta' din iż-żona. Din il-komunità fqira ħafna imma n-nies ferħanin bil-ftit li għandhom. Aħna is-sorijiet ngħixu magħhom fir-raħal u ngħinuhom mill-aħjar li nistgħu isibu ftuħ għall-problemi tagħhom. Barra mill-iskola ser nibdew inżommu tip ta' "boarders" għall-bniet Insara minn irħula imbegħda fejn m'hemmx possibbiltà ta' edukazzjoni. Dawn ikunu ta' età ta' bejn 12 u 17-il sena sakemm jispiċċaw il-Matrikola. Wara jkomplu l-kulleġġ għal B.A. Ukoll, fl-istess kumpless ser niftħu spiżerija għaliex fil-madwar m'hemm l-ebda għajnuna medika, speċjalment kura tal-maternità.

Il-MISSION FUND daħal sħab magħna f'dan il-proġett billi tana fondi biżżejjed biex xtrajna 17-il laptop, projector u armarji tal-librerija. Waħda sinjura Musulmana tatna donazzjoni biex nixtru kotba adatti għal dawn it-tfal Insara. Dan hu d-djalogu tagħna mal-Musulmani ħutna. Minn jeddha offriet din l-għajnuna għaliex binha, li hu avukat, sar jaf bina u qal lil ommu x'qed nagħmlu f'dan ir-raħal imwarrab. Dawn it-tfal ma kellhomx idea ta' qari imma issa bdew iħobbu l-kotba u fil-ħin liberu tarahom iduru mal-librerija jqallbu l-kotba li xtrajna adattati għalihom, speċjalment bl-Ingliż ħalli jitgħallmuh aħjar. L-isem tal-iskola tagħna hu Sacred Heart Girls High School u l-kunvent jismu Divine Mercy Convent.

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru berikna dan il-proġett avolja ilna li dħalna minn Marzu li għadda. Billi l-Madre Ġenerali tagħna, Sr. Carmelita Borg O.P. kellha tiġi għal viżita kanonika, stennejna biex hekk stajna nagħtu sens ta' għaqda u mħabba lil dawn ħutna imċaħħdin imma mhux minsijin.

Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-Mission Fund li kull meta jmissna jibagħtulna l-flus biex inkomplu il-proġetti tagħna u aħna nagħtu rendikont ta' kif ikunu ntefqu l-fondi li jipprovdulna. Nirringrazzja lil Maltin kollha li b'ħafna mħabba iħaffru fi bwiethom u jgħinu lill-Mission Fund ikompli din il-missjoni qaddisa. Aħna l-Missjunarji Maltin nitolbu għalikom biex Ġesù jkun il-faraġ u l-ferħ tagħkom.







FR NICHOLAS KILEO

# CHAKAMA GIRLS RESCUE PROJECT
## *A Word of Gratitude*

The Girls Rescue Centre project, at Chakama Catholic Mission is now complete. With a grateful heart and gratitude to God, together with the Mission Fund Group and generous benefactors, we express our joy and happiness, gladly singing with our Lady Virgin Mary the Magnificat. [Luke 1:46-56]



Bishop Emanuel Barbara O.F.M. Cap. overseeing the works in progress

My soul magnifies the Lord
And my spirit rejoices in God
my Saviour;
Because He has regarded the
lowliness of His handmaid;
For behold, henceforth all
generations shall call me blessed;
Because He who is mighty has
done great things for me,
and holy is His name;
And His mercy is from generation
to generation
on those who fear Him.
He has shown might with His arm,
He has scattered the proud in the
conceit of their heart.
He has put down the mighty
from their thrones,
and has exalted the lowly.
He has filled the hungry
with good things,
and the rich
He has sent away empty.
He has given help to Israel,
his servant, mindful of His mercy
Even as he spoke to our fathers,
to Abraham and to his posterity
forever.

What a PROVIDENCE!! Not because we are worthy but I say on behalf of Chakama Mission in that remote and the margins of the diocese, only the God's mercy and providence on us all for what we want to do for these poor and needy girls of Chakama! God has shown mercy and has come to our aid. Receive our gratitude Lord God.

The project received favour as a Christmas and new year gift for 2015 of the approval of the project and funding promise of €50,000 by the Mission Fund group. Providentially, I was in the Maltese Island as I had been invited and accommodated by a generous Maltese benefactor who is a member of Mission Fund group and who also by luck happened to come and have a missionary experience twice at Chakama Catholic Mission. May God bless and reward her abundantly.

After my holidays I went back to Kenya the Diocese at of Malindi on the 15th January 2015. Besides what I was carrying in my cases especially Christmas gifts from friends, I had also with me the good news of joy and jubilation and success of the funding of our

projects. Our beloved bishop Rt. Rev. Emanuel Barbara OFM Cap was all the same so happy and grateful to God and to the benefactors especially the Mission Fund group. The operations started there and then! Of course, as usual the bishop blessed the operation especially the technicalities on the ground. That was first of all, inviting the tenders from the contractors and suppliers, getting the permit from the government etc. This preliminary undertakings were so successful; especially the choice of our contractor was the best. A joyful word of gratitude to God for making this step successful. Many thanks to Bishop Barbara, the administrator Fr. Anthony, and the contractor, in my capacity representing myself and the Chakama Community.



In February, Mission Fund dispatched the first installment of €25,000 to begin with. It is the policy of the Diocese that all funds for the project are to be sent in the accounts of the Diocese for safety, accountability, transparency and monitoring; which is directly under the bishop, the vicar general and the appointee Fr. Anthony, the Financial Administrator of the Diocese. It makes easier also for communication purposes, since in Chakama all what I mentioned above is a big challenge. Even to get the network to make a phone call one has to go some kilometers away.

The project started officially in the beginning of March 2015. Competent workmen started with the digging of foundations; the clearance of the site was done by local people. There was the transportation of the construction materials to the site. Security of everything (materials, accommodation of the workmen etc.) was assured since everything took place at the mission and our Christians and the entire community was so cooperative, as they were aware that all are for the benefit of their girls, women and so many.

The construction work went on very well, since I was full time on the ground; inspecting, monitoring, correcting where possible, consulting the plans and when I was not sure or in doubt, I phoned the Architect for technical assistance. The bishop and the administrator came on the ground quite often to see and even to give their views if the work was up to the standard. The work was done to our satisfaction.

There was always a good network. Sending of the financial and progressive reports to the Mission Fund Group especially through Joe Mifsud. Bishop Barbara had a chance to meet the Mission Fund group in person when he was in Malta, in August 2015 and presented the original receipts of all transactions. There was a lot of cooperation from the beginning to the end. Though there were some challenges, like, when the rains started, the workmen had to stop for almost three weeks. At one time, the bishop's luggage which had in it the original receipts could not be found but later on it was recovered. However, there were more successes than challenges.

It is now completed, very beautiful indeed. Ready to be utilized. As bishop is looking for funds to furnish, already there are about 15 girls (students) in the mission compound who are using small structure. We still entrust ourselves into God's providence.

Gratitude to God again for such a big miracle in Chakama Mission and all who were involved in this noble work: His Lordship Bishop Barbara, the administrator, and all the benefactors of Mission Fund. The project will be of great of help not only to the girls, but for sure to the entire Chakama Community, the Diocese and the whole family of God regardless of their ethnicity and religious background.

May God's blessings shower on all our benefactors. We assure them our prayers. What they have done is only God who will repay them. We welcome you to Chakama Mission and the Diocese to see what the Lord has done through your sacrifices.


TRAVEL INSURANCE
FAMILIAR PLACES
FAMILIAR FACES
#thefamiliar
GasanMamo
INSURANCE
We're always there


Dettol
Be 100% sure.
Because health is priceless.
Dettol
750mL
Use biocides safely. Always read the label and product information before use.
EXCLUSIVELY DISTRIBUTED BY CHARLES DE GIORGIO LTD • T: 25600500

SR MARIA BORDA MMM

# TABILĦAQQ ĠIBTULI *t-tama*

Jgħidu li aktar ma tikber fl-età, aktar tara ż-żmien igerbeb.... Is-sena 2015 tassew taret. Imma, bħalma dejjem nagħmlu, meta s-sena tintemm, nibdew niftakru fil-mezzi kollha li bihom Alla fittex li jurina l-Imħabba Tiegħu, u li jurina li ma ħalleniex waħidna, fost l-isfidi kollha li toffri l-ħajja fil-Missjoni.

Memorja tas-sena li għaddiet li tqawwili qalbi hi dik taż-żjara mill-ġdid tal-voluntiera tal-Proġett Tama tal-Mission Fund. Bħalma dejjem għamlu, staqsewna minn qabel liema kienu l-aktar bżonnijiet urġenti fl-isptar tagħna ta' Makiungu fit-Tanzanija. Issa, kull min jipprova jmexxi sptar bħal dan ta' 175 sodda, jaf li l-bżonnijiet qatt ma jonqsu.

Dan l-isptar jinsab f'parti mbiegħda tat-Tanzanija, sitt siegħat karozza bogħod mill-Ajruport Internazzjonali ta' Kilimanjaro, Moshi. Nirċievu pazjenti mill-irħula mbegħdin minn kullimkien, u wkoll minn sptarijiet oħrajn, meta jkollhom bżonn l-għajnuna f'każijiet ikkumplikati. Il-Maltin ma jistgħux jimmaġinaw kemm għad hemm ommijiet żgħażagħ mad-dinja kollha li kull sena jitilfu ħajjithom waqt it-tqala.

Għidnielhom li ma nistghux inlaħħqu max-xogħol, għax m'għandniex tobba, nurses, u ħaddiema oħrajn biżżejjed fil-qasam tas-saħħa. Aħna ma nistgħux inħajjru lil ħaddiema bħal dawn li jiġu mill-ibliet biex jaħdmu fl-isptar tagħna, jekk ma nipprovdulhomx djar fejn joqogħdu. L-isptar żviluppa ħafna minn meta nfetaħ 60 sena ilu, imma ħafna mill-bini hu antik u għandu bżonn rijabilitazzjoni sħiħa.

Kien għalhekk li għas-sena li għaddiet, tlabna lill-Mission Fund biex jgħinuna nibnu blokk ieħor bi tmien kmamar u faċilitajiet oħra, biex joqgħodu fih professjonisti tant meħtieġa. Bħal m'għamlu qabel, il-membri tal-Mission Fund ġew it-Tanzanija, bit-talenti u s-snajja tagħhom kollha, u ħadmu spalla ma' spalla mal-ħaddiema tal-isptar tagħna, sakemm dan il-blokk ħa veru s-sura ta' bini b'saħħtu u sabiħ fid-dehra. S'intendi ma setgħux jibqgħu hawn għal aktar żmien, imma ż-żjara ta' xahar f'Awissu li għadda ta spinta kbira lill-bini, u wrew lill-ħaddiema lokali dak li kien hemm bżonn biex ikomplu bl-istess kwalità tajba ta' xogħol li bdew huma.

Għalina, il-Medical Missionaries of Mary, is-sejħa li nsegwu lil Ġesù nesprimuha billi naħdmu għall-fejqan, fir-ruħ u fil-ġisem, ta' dawk li Alla jafdalna f'idejna – il-biċċa l-kbira jkunu pazjenti li jiġu l-isptar, imma aħna mmorru wkoll fl-irħula u fl-iskejjel, biex ngħallmu kemm nistgħu fuq kif tevita u kif tittratta l-mard, u kif tieħu ħsieb saħħtek. Huma l-isqfijiet u l-patrijiet li jitolbuna biex aħna mmorru fid-djoċesi tagħhom, għax jgħidulna li l-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem imorru flimkien.

Ma' tabiba oħra soru u speċjalista tal-ommijiet fit-tqala, nieħdu ħsieb kull xorta ta' mard, u fejn hemm bżonn noperaw. Sorijiet oħra jaħdmu bħala nfermiera, jew fil-laboratorju, fil-farmaċija, fid-dipartiment tal-X-ray, jew fl-amministrazzjoni.

Il-bieraħ stess kelli żjara minn omm, flimkien mat-tarbija tagħha

gustuża u fuq ruħha. Tlett snin ilu l–omm kellha problema fit-tqala, u wara żmien twil ta' mistrieħ u stennija, weldet tifel ċkejken wara seba xhur tqala. Għamilna minn kollox biex it-tifel jgħix, u ħadna ħsieb kemm l-omm kif ukoll it-tarbija sakemm kellhom saħħa biżżejjed biex jintbagħatu d-dar. Din l-omm, li toqgħod fil-bogħod, ġabet lil dan it-tifel żgħir biex turina li xogħolna ma kienx għalxejn. F'qalbi għidt, xejn ma jafx dan it-tifel kemm batiet ommu biex tagħtu l-ħajja, u x'miraklu hu li wasal hawn quddiemna, hekk b'saħħtu.

Il-Mission Fund ilhom jgħinuna b'donazzjoni kull sena minn meta bdiet l-għaqda, iktar minn 30 sena ilu. Fl-2010 ilqajna għall-ewwel darba grupp ta' voluntiera tal-Mission Fund li ġew b'effiċjenza u dedikazzjoni kbira, jgħinuna nibnu blokk ġdid għal kollox fl-isptar, mgħammar bil-kumditajiet kollha biex fih ikunu jistgħu jgħixu l-ħaddiema kif ukoll il-voluntiera li jiġu jgħinu għal żmien qasir minn barra l-pajjiż, fosthom anke ħafna voluntiera Maltin. Għajnuna kbira oħra li ingħatat lill-isptar tagħna kien l-impjant li jiġġenera l-biogas mill-iskart. Dan l-impjant jintuża biex isajjru l-ikel għall-pazjenti b'mod iktar nadif għall-ambjent. B'hekk il-qraba tal-pazjenti m'għadhomx iqaċċtu frieghi tas-siġar biex jużawhom bħala ħatab.

F'dak iz-zmien ukoll, permezz tal-Mission Fund, saru jafu bina d-ditta Maltija Tektraco, li offrew li jipprovdu mpjant tal-ossiġenu għall-isptar tagħna. B'hekk għandna sistema ta' ossiġenu għaddejja fis-swali kollha tal-isptar.

Fl-2011, grupp ieħor tal-Mission Fund ġew biex jgħinu fil-bini ta' estensjoni tas-sezzjoni tal-maternità peress li kien hemm nuqqas kbir ta' sodod. Bil-għajnuna tal-Mission Fund, din is-sezzjoni kibret darbtejn id-daqs li kienet qabel. Il-pazjenti jkomplew jiżdiedu, u l-estenzjoni l-ġdida tal-bini malajr intliet. Meta lill-ommijiet nistaqsuhom għaliex ma jmorrux fi sptar aktar viċin ta' fejn joqogħdu, jgħidulna li jippreferu jiġu Makiungu milli jmorru xi mkien ieħor. Matul l-aħħar żjara, il-Mission Fund ħasbu wkoll biex jixtru saqqijiet ġodda għal dawn l-ommijiet li jridu jibqgħu jiġu fl-isptar tagħna.

Jekk inkompli nsemmi kull ma għamlu l-voluntiera Maltin għall-pazjenti tagħna u għan-nies foqra tal-madwar ma nispiċċa qatt. Huma taw l-għajnuna fil-parroċċa, fl-iskola tal-viċin u fl-irħula ta' ħdejna minn fejn jiġu l-aktar pazjenti foqra. Lil dawn huma ferrħuhom biż-żjarat tagħhom u bl-oġġetti tal-ikel li tawhom.

**MESSAĠĠ LILL-BENEFATTURI TAL-MISSION FUND**

Nixtieq nirringrazzja minn qalbi l-benefatturi tal-Mission Fund, għan-nom tiegħi stess u għan-nom tal-Medical Missionaries of Mary, u tal-istaff u l-pazjenti tagħna kollha, li issa saru jafu aktar xi jsarrfu l-Maltin.

Nifraħ ngħid li issa fl-4 t'April, il-perit tana ċ-ċwievet ta' dan il-bini ġdid, u nerġgħu nirringrazzjaw lil Alla tal-qalb kbira tal-Maltin li tawna l-mezz li naslu f'dan il-jum tant mistenni. Aħna kuljum nitolbu għall-benefatturi, li mingħajrhom ma nkunux nistgħu nkomplu x-xogħol tajjeb mal-morda, li Alla fdalna f'idejna. Niftakru li Ġesù stess qalilna li dak li nagħmlu mal-iċken minn ħutu, nagħmluh miegħU stess.





SR VICTORIA VASSALLO FMM

# EDUKAZZJONI Fl-Etjopja

Kont għadni novizzja mas–sorijiet tal-kongregazzjoni Franġiskana Missjunarji ta' Maria meta jiena ġejt mibgħuta Ruma u domt naħdem hemm 14-il sena fil-pastorali u fl-iskola. Fis-sena 1974 ġejt imsejjħa sabiex immur missjunarja fl-Indoneżja fl-Asja. Ħdimt hemm għal 16-il sena nagħti u nirċievi minn nies ta' volontà tajba. Il-Mulej bagħtni hemm sabiex inwassal il-Vanġelu u l-imħabba t'Alla. Tgħallimt ħafna minnhom ankè mill-Musulmani. Kont għalliema fl-iskola, ftaħt librerija pubblika, *hostel* għall-istudenti u għamilt ħidma pastorali oħra.



Imbagħad il-Mulej sejjaħli f'pajjiż ieħor f'Papua New Guinea. Ħdimt hemm sitt snin. Id-dar tagħna kienet fuq ix-xmara Sepic. Kullimkien ilma, m'hemmx la dawl, la karozzi, la telefon iżda ilma u swamps kemm trid. Il-ħidma tiegħi kienet fi skola tal-gvern u fiċ-ċentru pastorali. Sabiex kont immur fil-villaġġi nżur il-kattoliċi u nwassal il-kelma t'Alla u l-Ewkaristija kont nivjaġġa bil-kenura fuq ix-xmara.

Fis-sena 1996 il-Mulej tani missjoni oħra, din id-darba fl-Etjopja, fl-Afrika. Hawnhekk qiegħda nwassal il-kelma t'Alla fil-parroċċa u naħdem fl-edukazzjoni. Il-ħidma tagħna fl-edukazjoni kienet tikkonsisti f'żewġ *kindergartens* f'Mazoria u Shone b'250 tfal zgħar, kif ukoll 7 klassijiet *literacy* bi 350 student f'żoni differenti. Għandna xogħol soċjali man-nisa u maż-żgħażagħ, u xogħol pastorali ieħor. Fil-parroċċa tagħna hawn 16,000 insara imqassmin fi 15 *out-stations*. Il-reliġjon kattolika bdiet f'din il-parroċċa madwar 60 sena ilu meta ġew il-patrijiet Franġiskani Kapuċċini.

Jiena nieħu ħsieb iż-żewġ skejjel tal-*kindergarten* f'Mazoria u f'Shone b'250 tifel u tifla. Erba snin ilu f'Mazoria bnejna tlett klassijiet għat-tfal u kull sena it-tfal qegħdin jiżdiedu. F'kull klassi kienu madwar 60 tfal zgħar. Minħabba nuqqas tal-post, ma stajniex inżommu tfal iżjed. Għalhekk aħna tlabna lil Mission

Fund sabiex jgħinuna nibnu klassi oħra, kamra għall-għalliema u toilet. Nirringrazjaw lil Mulej li Mission Fund laqgħet it-talba tagħna sabiex inwettqu dal-proġett u rċevejna 40,000 Euro. Il-bini bdejnih f'Marzu tas-sena l-oħra u issa lest min kollox u komplut sabiex f'Settembru li ġej inkunu nistgħu inżidu klassi oħra. Nixtiequ nirringrazjaw ħafna lil Mission Fund u l-benefatturi Maltin tal-ġenerożità hekk kbira tagħhom li għenu lil Mission Fund sabiex tkun tista' tingħata għajnuna lilna l-missjunarji Maltin u Għawdxin.



Din hija biċċa storja tal-ħajja tiegħi fejn kelli ninfired mill-familja tiegħi, ħbieb u nies li sirt naf u ħabbejt. Tajt u irċevejt ħafna iżjed minn-nies u pajjiżi fejn jiena ħdimt, servejt u ħabbejt.

Dawn il-passi enormi tiegħi ma kienux fil-pjan tiegħi, iżda irċevejthom b'xejn mingħand il-Mulej.

Jiena ngħid biss "IVA" lil Ġesù kull darba li jsejjaħli. Li tkun missjunarju tfisser li tmur fejn jibgħatuk. Inthom żgħażagħ li tħossu li Gesù qiegħed isejħilkom biex tgħixu u taħdmu bħala missjunarji jew sabiex tagħmlu esperjenza missjunarja tibżgħux u tiddubitawx. Hemm żgur li ssibu l-ferħ fil-ħajja tagħkom. Ħafna huma dawk li rnexxilhom. Żgur li ssibu l-ferħ f'dik l-IVA li xi darba għad tgħidu lil Alla.



500, EUREKA COURT, BLOCK A/ FLAT 6, MAIN STREET, MOSTA MST 1018
Tel/Fax: 2141 3664 email: missionfund@global.net.mt

# FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL SĦUBIJA

**(Jekk jogħġbok ikteb b'ittri kbar)**

Jiena nixtieq nissieħeb bħala membru fil-Mission Fund:

**ISEM U KUNJOM:**

**INDIRIZZ :**

**KODIĊI POSTALI:** **TEL:** **MOB:**

**E-MAIL:**

Jekk tixtieq toffri għajnuna fl-attivitajiet t'hawn taħt, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rispettiva:

Bazaars ☐ Tea Tombla ☐ Newsletter/Magazine ☐ Għajnuna Amministrattiva ☐ Website ☐

Proġett Tama ☐ Maratona fuq it-Tv ☐ Bolol Użati ☐ Xogħol Manwali ☐ Relazzjonijiet Pubbliċi ☐

Qed nibgħat il-pagament ta' € ______ bħala miżata tas-sħubija (€3.00 kull membru kull sena).
Pagamenti b'ċekk għandhom ikunu pagabbli lill-Mission Fund.

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li lest li nimxi mal-ispirtu u r-regoli tal-Istatut preżenti tal-Mission Fund, kif sussegwement emendat.

FIRMA ______ DATA ______

Hawn tista' tikteb il-kummenti/suġġerimenti tiegħek u tibgħathom lill-Mission Fund.

______

______

______

______

______

**L-informazzjoni kollha li tidher hawn fuq hija protetta mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data**

JOHN SAMMUT

# MILL-ĦAJJA tal-Mission Fund

Il-ħidma tal-Mission Fund b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin kompliet bla heda matul is-sena l-oħra. Dan biex jingħata sostenn lil ħutna l-missjunarji li b'imħabba kbira laqgħu s-sejħa tal-Mulej biex imorru "fid-dinja kollha jxandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. [Mk:16:16]. Huma ħallew warajhom il-familjari u l-ħbieb tagħhom, u saħansitra lil art tweldihom biex marru f'artijiet imbiegħda mimlija faqar u mard sabiex, kif kien jgħid San Ġorġ Preca, "Gesù jkun magħruf u maħbub minn kulħadd". Biex jintlaħaq dan l-iskop, il-Mission Fund organizza numru ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Barra minn hekk, numru konsiderevoli ta' benefatturi urew il-ġenerożità kbira tagħhom billi offrew donazzjonijiet. Permezz ta' dawn il-fondi tqassmet is-somma rekord ta' €704,224 f'donazzjonijiet lil 103 missjunarji (fosthom 9 isqfijiet) kif ukoll fuq proġetti ta' kostruzzjoni f'diversi pajjiżi. Dettalji dwar dawn jidhru f'paġna 22-25.

**Id-dħul mill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi kienu hekk:**

**JANNAR:**
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra €4,415

**MARZU:**
TEA TOMBOLA fl-Imperial Hotel, Sliema €1,363
BUFFET LUNCH fil-Magazino, Valletta Waterfront €3,146

**APRIL:**
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra €5,580

**MEJJU:**
TEA TOMBOLA fl-Imperial Hotel, Sliema €1,287
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra €3,405
BEJGH TA' GHAMARA f'dar residenzjali, B'Kara €1,000

**ĠUNJU:**
PASTA LUNCH fil-Garden of Eden Hall, Żurrieq €2,210

**AWWISSU:**
BBQ fil-Paradise Bay Hotel, Ċirkewwa €2,385

**SETTEMBRU:**
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra €6,510
LOTTERIJA GRANDJUŻA €33,270

**NOVEMBRU:**
FAMILY FUN FAIR fl-Oratorju, Naxxar €963

**DIĊEMBRU:**
CHRISTMAS LUNCH f'San Antonio Hotel, Qawra €6,725



## ĠURNATA FI SQALLIJA



Il-Mission Fund organizza ġurnata fi Sqallija nhar is-Sibt 4 ta' Lulju 2015. Grupp ta' 26 persuna, immexxija mis-sur Charles Decelis, telqu lejn Pozzallo għal din l-attività li kienet tikkonsisti fi żjarat f'postijiet agrikoli bħalma huma Marzamemi, Modica u Pachino. Hemmhekk kellhom l-okkażjoni li jduqu l-ikel karatteristiku ta' dawk il-postijiet bħalma huma tonn u diversi tipi ta' nbejjed u ġobon. Wara l-ikla karatteristika tal-post f'nofsinhar, il-grupp żar fabbrika taċ-ċikkulata. Il-grupp irritorna lura lejn Malta għajjenin wara ġurnata twila, imma sodisfatti b'din l-esperjenza mhux tas-soltu. Id-dħul minn din l-attività kien ta' €259.40.



## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

Għal darb'oħra l-Mission Fund organizza pellegrinaġġ ta' ħamest ijiem għal Lourdes bejn is-17 u t-23 ta' Lulju 2015. Il-grupp kien immexxi mis-sur Charles Decelis filwaqt li Fr Marcellino Micallef OFM kien id- direttur spiritwali. Fr Marcellino iċċelebra l-Ewkaristija kuljum għall-grupp. Huma kellhom ukoll l-okkażjoni li jattendu għall-Quddiesa Internazzjonali fil-Bażilika San Piu X, flimkien ma' eluf ta' pellegrini oħra. Il-grupp setgħu wkoll jinżlu fil-banjijiet bl-ilma mirakoluż u jieħdu sehem fil-mixja tal-Via Crucis. Saru wkoll żjarat f'postijiet ta' nteress f'Lourdes, fosthom il-mitħna Boly fejn, fis-7 ta' Jannar 1844, twieldet Bernardette u fejn għexet sakemm kellha 10 snin. Huma żaru wkoll il-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù fejn hemm il-fonti li fih tgħammdet Bernardette fid-9 ta' Jannar 1844, u l-Cachot, ħabs abbandunat fejn kienet tgħix fiż-żmien li kienet tidrilha l-Madonna. Filgħaxija huma setgħu jieħdu sehem fil-purċissjoni *aux flambaux*. Barra minn hekk ġew organizzati eskursjonijiet għal Pau, Gavarnie, St Jean de Luz, Col d'Ibardin u Pont d'Espagne, fejn kulħadd seta' jammira xeni pittoresti ta' kull post. Id-dħul minn din l-attività kien ta' €1,085.

## DONAZZJONI MILL-MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN

Bħal kull sena, il-Mission Fund għamel applikazzjoni lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għall-fondi li l-Gvern joffri taħt l-iskema għall-iżvilupp internazzjonali (ODA). Waqt ċerimonja ta' preżentazzjoni li saret fl-14 ta' April 2015, il-Ministru Dr George Vella qassam total ta' €235,199 b'risq 13-il proġett li ser jitwettqu fl-Afrika u l-Amerika Latina minn diversi organizzazzjonijiet volontarji. Minn dawn il-fondi, il-Mission Fund kiseb €42,500 għall-proġett ta' bini ta' staff houses biex jakkomodaw il-professjonisti li jaħdmu fl-isptar ta' Makiungu fit-Tanzanija li huwa mmexxi minn Sr Maria Borda MMM. Barra minn hekk, ġew mogħtija €45,000 oħra għall-bini ta' ċentru tas-saħħa f'Wau, fis-Sudan t'Isfel. Dan iċ-ċentru huwa mmexxi minn Sr Irene Balzan MMM u ser joffri servizz lil persuni Sudaniżi li rritornaw lura lejn pajjiżhom wara li kienu emigraw minħabba l-gwerra ċivili qalila li ħakmet dan il-pajjiż. F'diskors qasir tal-okkażjoni, il-Ministru Vella saħaq fuq l-impenn tal-Gvern Malti biex jgħin is-soċjetà ċivili Maltija fix-xogħol tagħhom ta' għajnuna lill-komunitajiet vulnerabbli madwar id-dinja kollha. Huwa faħħar ix-xogħol tal-għaqdiet volontarji għad-dedikazzjoni li juru lejn min huwa l-aktar fil-bżonn.

## DONAZZJONI OĦRA MILL-KULLEĠĠ SAN INJAZJU FIS-SIĠĠIEWI

Għal darb'oħra l-istaff tal-iskola primarja tas-Siġġiewi, li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Injazju, organizza barbeque b'risq il-Mission Fund fil-bitħa tal-iskola nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015. Din l-attività, li kienet bdiet fuq inizzjattiva tas-sur Patrick Decelis, ex-surmast ta' din l-iskola, saret appuntament permanenti fil-kalendarju ta' din l-iskola. L-attendenza għal din l-attività kienet numeruża ħafna. Filwaqt li s-Sur Patrick Decelis rringrazzja lil dawk kollha preżenti, il-kap gdid tal-iskola is-sinjorina Nathalie Saliba ippreżentat is-somma ta' €4,683 lis-sinjorina Sylvia Ebejer, President tal-Mission Fund. Minn naħa tagħha, is-sinjorina Ebejer irringrazzjat lill-istaff kollu tal-iskola għal din l-inizzjattiva u għad-dedikazzjoni li wrew biex din l-attività tkun suċċess.

## ... U OĦRA MILL-LIONS CLUB

F'ċerimonja li saret fl-24 ta' Ġunju 2015 fid-Dolmen Hotel, il-Qawra, il-President tal-Lions Club ta' San Pawl il-Baħar ippreżenta għodod u materjal ieħor lis-sur Charles Decelis, Segretarju tal-Mission Fund. Din ma kienitx l-ewwel darba li l-Lions Club offra donazzjonijiet lill-Mission Fund. Is-sur Decelis irringrazzja lill-membri kollha tal-Lions Club għal dan il-ġest ġeneruż u wiegħedhom li l-membri tal-Mission Fund jiftakru fihom fit-talb tagħhom.




## ESPERJENZA MISSJUNARJA FIT-TANZANIJA

Fit-8 ta' Awwissu 2015 grupp ta' 26 voluntier tal-Mission Fund, taħt id-direzzjoni spiritwali ta' Fr Marcellino Micallef OFM, telaq minn Malta għat-Tanzanija biex jgħin fi proġett fl-isptar ta' Makiungu. Il-proġett kien jikkonsisti f'bini ta' blokk biex jakkomoda t-tobba u l-paramediċi li jmorru jagħtu s-servizz tagħhom f'dan l-isptar li hu mmexxi minn Sr Maria Borda MMM. Dan l-isptar iservi popolazzjoni ta' madwar 400,000 persuna. Dan huwa t-tieni blokk ta' din ix-xorta għax fl-2010 kien inbena blokk ieħor ġdid għal kollox biex fih ikunu jistgħu jgħixu l-istaff professjonali peress li minħabba li dan l-isptar qiegħed f'semi-deżert, id-distanzi huma kbar u għalhekk mhux possibbli li l-ħaddiema jmorru d-dar wara x-xogħol. Is-sena ta' wara, il-Mission Fund wettaq proġett ieħor f'dan l-istess sptar, li kien jikkonsisti f'bini ta' estensjoni tas-sezzjoni tal-maternità. Il-ħtieġa ta' dan il-proġett inħasset imħabba l-fatt li f'din is-sezzjoni, in-nisa li jkunu waslu biex iwelldu kienu jkollhom joqgħodu tnejn f'kull sodda mħabba nuqqas ta' spazju. Fil-fatt f'dan l-isptar jitwieldu madwar 1,200 tarbija fis-sena. Dawn il-proġetti kollha setgħu jitwettqu grazzi għall-ġenerożità kbira li dejjem urew il-Maltin u Għawdxin kull meta kien hemm bżonn. Ejjew niftakru f'dawn il-benefatturi fit-talb tagħna biex il-Mulej iħallashom b'mitt darba aktar. Il-grupp tal-voluntiera tal-Mission Fund waslu lura Malta fil-11 ta' Settembru.

## NOMINAZZJONI GĦALL-PREMJU NAZZJONALI ĦADDIEM TAS-SENA

Is-Sinjura Yvonne Borg Cardona ġiet nominata għall-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena li kien organizzat mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Yvonne hija risponsabbli għall-amministrazzjoni tal-uffiċċju tal-Mission Fund li jinsab fil-Mosta. Hija bdiet l-impieg tagħha bħala segretarja f'Settembru tal-1992. F'Ġunju tas-sena 2000 hija ingħatat ir-responsabbiltà sħiħa għat-tmexxija tal-uffiċċju, fejn hemm jaħdmu tlett impjegati oħra. Barra minn hekk, hija tieħu ħsieb il-korrispondenza ta' kuljum u l-appuntamenti mal-missjunarji li jżuru Malta. Hija tipprepara d-dokumenti meħtieġa għall-laqgħat tal-kumitat. Hija responabbli mid-dħul tad-donazzjonijiet kollha tal-Mission Fund, kif ukoll mill-fondi li jidħlu mill-attivitajiet soċjali.

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar il-Ħadd 19 ta' April 2015 fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. Wara l-qari u l-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-2014, il-President Sylvia Ebejer irringrazzjat lill-membri kollha tal-impenn tagħhom fi ħdan il-Mission Fund. Hija appellat biex noffru t-talb tagħna għall-missjunarji, speċjalment dawk li jinsabu f'pajjiżi fejn hemm il-konflitti jew nuqqas ta' tolleranza reliġjuża. Is-Segretarju Charles Decelis elenka l-attivitajiet reliġjużi, soċjali u dawk ta' ġbir ta' fondi li huma tant neċessarji biex tkun tista' tingħata l-għajnuna finanzjarja lill-missjunarji. Huwa rringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat għall-ħidma tagħhom tul is-sena kollha. Il-koordinatur tal-esperjenzi missjunarji Joe Mifsud ta rendikont tal-proġetti li saru matul 2014. Dawn kienu jinkludu tħaffir ta' bjar u spieri fil-Kenja, fis-Sudan t'Isfel u fl-Etjopja, bini ta' estensjoni għall-iskejjel fil-Filippini, fl-Etjopja, fit-Tanzanija u fl-Indja, bini ta' ċentri għat-tfal bi bżonnijiet speċjali fl-Indja u fil-Kenja u bini ta' ċentru tas-saħħa fis-Sudan t'Isfel. Il-PRO John Sammut saħaq fuq l-importanza tal-media soċjali u tal-pubblikazzjonijiet biex jitkattar l-għarfien tal-Mission Fund u biex jitwassal il-messaġġ lil numru kbir ta' koperaturi li kull ma jmur dejjem qiegħed jiżdied. L-awditur is-sur Kenneth Swain ippreżenta u spjega r-rapport finanzjarju għas-sena 2014. Fost affarijiet oħra, huwa semma li d-donazzjonijiet lill-missjunarji Maltin u Għawdxin laħqu s-somma ta' €482,672. Ir-rapporti kollha hawn fuq imsemmija ġew approvati. Is-sur Kenneth Swain reġa' ġie maħtur bħala awditur estern, filwaqt li s-sur Nigel Scerri ġie maħtur bħala awditur intern.

## NOMINAZZJONI GĦALL-PREMJU NAZZJONALI VOLUNTIER TAS-SENA



Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat nieda konkors għall-premju nazzjonali voluntier tas-sena. Is-sur Philip Micallef, it-Teżorier tal-Mission Fund ġie nominat għal dan il-konkors. Philip issieħeb fil-Mission Fund fl-1994 biex jieħu sehem għall-ewwel esperjenza missjunarja tiegħu li kienet saret fit-Tuneżija. Dak inhar ftit għaddielu minn moħħu li dik kellha tkun l-ewwel minn sensiela twila ta' esperjenzi li huwa għamel kull sena minn dak inhar 'l hawn. Fil-fatt, Philip ipparteċipa fi 22 esperjenza li saru fil-Kenja, Gwatemala, Perù, Tanzanija u Indja. Philip jemmen li l-bnedmin kollha huma ugwali u kull wieħed għandu d-dritt għall-bżonnijiet bażiċi tiegħu. Dawn il-bżonnijiet jinkludu edukazzjoni, ikel, faċilitajiet sanitarji, servizzi tas-saħħa u mpjieg diċenti. L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta li tiftaħ opportunitajiet ġodda għall-persuni li jgħixu f'dawn il-pajjiżi foqra. Fil-fatt il-proġetti li twettqu mill-Mission Fund huma mmirati biex jindirizzaw problemi marbuta ma' nuqqas ta' edukazzjoni u servizzi tas-saħħa. Philip jista' jitqies bħala wieħed mill-ambaxxaturi tal-Mission Fund. Kull meta jkollu l-opportunità, huwa ma jieqafx jitkellem dwar kif dawn il-proġetti taffew ftit mit-tbatija li jsofru dawk il-persuni li jgħixu f'pajjiżi mifnija minn faqar u mard. Huwa wkoll dejjem isemmi l-impenn tal-missjunarji Maltin u Għawdxin li telqu minn art twelidhom biex jgħixu f'dan l-ambjent ħalli jxerrdu l-Bxara t-Tajba.

Hija tieħu ħsieb li jinħarġu rċevuti lill-benefatturi u li żżomm il-kotba finanzjarji. Yvonne hija risponsabbli wkoll li tibgħat id-donazzjonijiet lill-missjunarji Maltin u Għawdxin fuq bażi ta' roster. Hija tikkordina mal-awditur intern u l-awditur estern fil-preparazzjoni tar-rapport finanzjarju annwali. Yvonne tagħmel ix-xogħol tagħha b'dedikazzjoni u determinazzjoni kbira. Dan jixhed l-imħabba kbira li hija għandha lejn il-missjunarji. Hija rċeviet ċertifikat tan-nominazzjoni tagħha f'ċerimonja li saret għal din l-okkażjoni.



# Lotterija Grandjuża

**Tlugħ il-Ħadd 25 ta' Settembru 2016** fl-uffiċċju tal-Mission Fund fil-preżenza ta' uffiċjal mid-Direttorat tal-Lottu Pubbliku. Il-prezz għal 25 biljett huwa € 10 biss. Ir-riżultati jiġu mħabbra fuq il-website u l-facebook tal-Mission Fund. Dettalji jiġu ppubblikati wkoll fin-newsletter.

**1 PREMJU** Voucher ta' €1,000 għal cruise għal żewġ persuni minn Malta għal Malta mal-Orange Travel Group
**2 PREMJU** Sett tal-pranzu tal-porċellana għal sitt persuni (jinkludi platti, kikkri u plattini)
**3 PREMJU** Voucher ta' €500 mingħand l-Europa Tours
**4 PREMJU** Television 40" Thomson Full HD mingħand Ultimate
**5 PREMJU** Washing Machine Ocean automatic mingħand Ultimate
**6 PREMJU** One Night Stay għal żewġ persuni f'kamra deluxe fuq bażi ta' B&B fil-Preluna Hotel & Spa
**7 PREMJU** Weekend break għal żewġ persuni fuq bażi ta' B&B fil-Preluna Hotel & Spa
**8 PREMJU** Kamera diġitali Fujifilm mingħand Ciancio Ltd
**9 PREMJU** Ikla À La Carte għal żewġ persuni fil-Fortina Restaurant
**10 PREMJU** Hair Straightener, Crimper u Hot Brush mingħand Abela Enterprises
**11 PREMJU** Sony 3D Blue Ray Player mingħand Ultimate
**12 PREMJU** Sunday Lunch għal żewġ persuna fil-Flavours Restaurant, Radisson Resort & Spa Golden Sands flimkien ma' toaster Morphy Richards
**13 PREMJU** Vacuum cleaner Delonghi Colombina Stick mingħand Ultimate
**14 PREMJU** Ħadida tal-mogħdija Imetec Professional Max mingħand Abela Enterprises
**15 PREMJU** Voucher ta' €100 għal photo session mingħand Agius Photo Studio, Qormi
**16 PREMJU** One 4 All Gift Voucher ta' €100
**17 PREMJU** Voucher ta' €100 għal photo session mingħand Agius Photo Studio, Qormi
18 Premju Voucher ta' €100 mingħand Scotts Supermarket
**19 PREMJU** Trattament tax-xagħar li jinkludi colour roots u cut and blow-dry mingħand Privè Hiardressing
**20 PREMJU** Candy Microwave Oven with Grill
**21 PREMJU** Electric Blanket mingħand Abela Enterprizes flimkien ma' pizza għal tnejn fis-Sardinella Restaurant
**22 PREMJU** 5 lezzjonijiet tal-Pilates mingħand Bodyworks flimkien ma' pizza għal tnejn fil-Fortizza Bar & Restaurant
**23 PREMJU** Silver Package membership għand Platinum Health & Fitness flimkien ma' sett tal-frieket u skieken mingħand Cose Casa

## Attivitajiet Reliġjużi matul is-sena 2016

**Kull l-ewwel Tlieta**

Quddiesa fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun
Seminar ta' weekend għall-voluntiera tal-Mission Fund
Esperjenza Missjunarja fil-Filippini f'Jannar-Frar 2017

**Niftakru fil-missjunarji, benefatturi u qraba ħajjin u mejtin. Matul is-sena kollha, il-Mission Fund joffri talb u quddiesa kull xahar għal dan il-għan. Il-quddies isir fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta Ġieżu), Valletta fis-6.15 pm f'dawn il-ġranet: 2 ta' Ġunju, 7 ta' Lulju, 4 ta' Awwissu, 1 ta' Settembru, 6 ta' Ottubru, 3 ta' Novembru u 1 ta' Diċembru.**

## Wieħed jista' jiddepożita d-donazzjoni tiegħu lill-Mission Fund

**BOV 163 007 980 19**
IBAN MT54 VALL 2201 3000 0000 1630 0798 019
BIC VALLMTMT

**HSBC 061 197 448 050**
IBAN MT14 MMEB 4461 3000 0000 6119 7448 050
BIC MMEBMTMT

**APS 2000 0820 762**
IBAN MT67 APSB 7707 9005 2318 2000 0820 762
BIC APSBMTMT

**BANIF 000 879 631 01**
IBAN MT94 BNIF 1450 2000 0000 0008 7963 101
BIC BNIFMTMT

**LOMBARD 014 408 221 15**
IBAN MT65 LBMA 0500 0000 0000 0144 0822 115
BIC LBMAMTMT

# GARAGE SALE

'ST. JOSEPH' GARAXX,
TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA
(Bieb ma' bieb mal-forn)

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
bejn 09.15 am u s-1.00 pm.

Issibu diversi oġġetti
bi prezzijiet
verament irħas

## BOLOL UŻATI

Kull min għandu bolol użati jista' jibagħthom l-uffiċċju biex inbiegħuhom. Il-qligħ kollu jmur b'risq il-missjunarji. Nixtiequ nfakkrukom li m'għadniex naċċettaw aktar telecards.

**MISSION FUND**
**500, Eureka Court, Blk A,**
**Flat 6, Triq il-Kbira**
**Mosta MST 1018**




## BORŻA TA' STUDJU

Tista' toffri waħdek jew flimkien ma' oħrajn l-ammont ta' €600, li titħallas f'darba jew f'perjodu ta' sena għall-kandidati li qed jitħejjew għas-saċerdożju fl-artijiet tal-missjoni.

MISSION FUND

## Fit-Testment *tiegħi*

Qed inħalli miktub fit-testment tiegħi s-somma ta' **€**_____________ b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin li hemm fil-missjoni.

### Tqassim tal-Pubblikazzjonijiet

Min jixtieq jgħin fit-tqassim tal-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Mission Fund jista' jċempel l-uffiċċju tagħna fuq 2141 3664

### IRĊEVUTI FISKALI TAL-VAT

Inħeġġukom biex tibgħatulna l-irċevuti fiskali tal-VAT (MHUX IMMARKATI) biex aħna nkunu nistgħu nimmarkawhom u nibagħtuhom f'isem il-Mission Fund. Jekk jogħġobkom ibagħtuhom mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' kull xahar.

## Taħlix flusek...

Inti se tiżżewweġ? Għandek xi tfal jew neputijiet li se jagħmlu l-preċett jew il-griżma? Ha tagħlaq sninek jew għandek xi anniversarju?

Flok tixtri souvenirs, li ħafna drabi jispiċċaw ġo xi kexxun, agħti donazzjoni lill-Mission Fund u b'hekk tkun qed tgħin lil mijiet ta' missjunarji mxerrda mad-dinja kollha biex ixandru l-Kelma t'Alla.

Il-Mission Fund għandha għażla ta' kartolini bil-kliem 'Grazzi' kif ukoll bookmarks li jistgħu jingħataw lill-misted-nin flok is-souvenirs.

**Tistgħu żżidu l-ferħ tagħkom f'din l-okkażjoni sabiħa billi toffru tama lill-persuni fil-bżonn. Għal aktar tagħrif ċempel l-uffiċċju 21413664**

## SKEMA SELF TA' FLUS MINGĦAJR IMGĦAX

Għandek xi flus mhux investiti? Għax ma issellifhomx lill-Mission Fund f'din l-iskema?

Din hija skema fejn inti tislef somma flus (ta' mill-inqas €500) lill-Mission Fund. Dawn jiġu nvestiti u l-imgħax jgħaddi lill-Mission Fund. Inti tingħata irċevuta uffiċċjali. Inti tibqa' żżomm id-dritt li meta jkollok bżonnhom, inti tinfurmana bil-miktub u l-flus li tkun sellift jingħatawlek lura (mingħajr imgħax) fi żmien qasir ta' ftit granet. Permezz ta' din l-iskema inti tkun qed tgħin lill-ħutna l-missjunarji. Jekk tixtieq tieħu sehem f'din l-opra sabiħa ċempel l-uffiċċju fuq 21413664.



MISSION FUND